# familija

Ħarġa Numru 13 • Diċembru 2020

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

*familja.media@gov.mt*



## Rivista 'Familja'

hi inizjattiva tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ online kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam magħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-imejl: familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta:
Tonio Bonello,
MFCS Uffiċċju tal-Komunikazzjoni,
Operations Directorate,
Nru 38 Triq l-Ordinanza,
Il-Belt Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

**Tonio Bonello**
Editur

'Familja' qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali, volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna. Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà.

Tista' taċċessa edizzjonijiet passati fuq:
**https://family.gov.mt/en/Pages/FamiljaMagazine.aspx**

# Ħajr lill-kontributuri


05 **L-Onorevoli Dr Michael Falzon**
Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

06 **L-Onorevoli Silvio Parnis**
Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità

07 **Is-Sur Mark Musù**
Segretarju Permanenti fil-Ministeru

09 **Is-Sur Tonio Benello**
Segretarju Permanenti fil-Ministeru

11 **Is-Sur Matthew Vella**
Kap Eżekuttiv tal-Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali

12 **Is-Sa M'Chritine Agius**
HR Unit - SVP

13 **Is-Sa Pauline Miceli**
Kummissarju tat-Tfal - MFCS

14 **Dr Mary Vella MD**
Kummissarju tal-Anzjani

17 **Is-Sur Edward Buttigieg**
Direttur Benefiċċji Kontributorji

20 **Is-Sur Jonathan Silvio**
Direttur PDPI
u **s-Sa Joyce Grech**
Assistent Direttur PDPI

21 **Is-Sa Ruth Sciberras**
Kap Eżekuttiv, Aġenzija Sapport

22 **Dr Josianne Cutajar**
SKap Eżekuttiv - SVP

25 **Is-Sur Tonio Bonello**
Ġurnalist

26 **Is-Sa Cynthia Formosa**
Senior Manager Policy Implementation AACC

28 **Is-Sa Karen Farrugia**
Manager II (Research) International Affairs

29 **Is-Sur Vince Tonna**
Social Worker

30 **Is-Sa Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista

32 **Is-Sur George Zammit**
Gwida

34 **Is-Sa Doris Zammit**
Opinjonista u xandara veterana

36 **Is-Sa Anna Alamango**
Donatriċi tal-għoti tad-demm
u **s-Sur Tony Micallef**
Infermier

37 **Is-Sur Tonio Bonello**
Ġurnalist

40 **Is-Sur Peter Miceli Saydon**
Prinċipal


# Ħajr ukoll lil

**Is-Sur Joseph Cachia**
Konsulent
fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

**Is-Sur Stefan Borg**
Communications Coordinator
tal-Onor. Ministru Michael Falzon
MFCS

**Is-Sur Daniel Ciappara**
Communications Coordinator
tal-Onor. Segretarju Parlamentari Silvio Parnis
MFCS

**Is-Sa Letizia Buttigieg**
Head of Communications

**Is-Sa Daniela Azzopardi**
Senior Research Officer QACO
Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali

**Is-Sa Suzanne Garcia Imbernon**
Task Manager
Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal

**Is-Sa Rosalie Vella Piscopo**
Manager: Strategic Marketing & International Relations

**Is-Sa Melissa Pace**
Senior Executive 1 - Marketing
Aġenzija Sapport

**Is-Sa Remenda Grech**
Direttur - Appoġġ

**Is-Sur Archibald Attard**
Officer in Scale 10

**Is-Sur Godwin Borg**
Grafika u muntaġġ





**Agħti d-demm illum**
**Għada jista' jkun tard**

**2206 6201**

**GRAZZI**

# Editorjal

**Tonio Bonello**
Editur Media MFCS
Corporate Communications Manager




*Ritratt - Tonio Bonello*

## Taf tgħid Grazzi?

Ħafna affarijiet fil-ħajja huma tassew sempliċi, ma jitolbux flus, ma fihomx kumplikazzjonijiet, iżda jistgħu iħallu impatt enormi fuq il-ħajja tagħna u/jew ta' dawk madwarna. Ħasra li s-soċjetà dinjija marret għall-aktar affarijiet ikkumplikati fil-ħajja u nsiet il-bażi ta' kollox u minn fejn bdejna.

Sfortunatament ukoll, bosta affarijiet qed jittieħdu bħal li kieku norma. Kif jgħidu l-Ingliżi 'for granted'. Is-sens ta' gratitudni, apprezzament u rikonoxximent mill-iċken ġest li persuna tagħmel, sal-akbar wieħed waqfu ma' missirijietna u l-ġenerazzjoni attwali bħal insiet kif tgħid kliem bħal, " grazzi"u "napprezza".

Għalkemm dan jista' juri stampa mhux daqshekk feliċi ta' żminijietna, iżda bħal dejjem irridu nifhmu li mhux kulħadd l-istess. Tajjeb għad fadal ħafna fid-dinja. M'għandux biss daqstant PR daqs il-ħażin. Forsi hawn min jistaqsi, "X'hawn sabiħ jew pożittiv li titkellem dwar il-COVID-19?" Nistqarr li hawn.

Xtaqt inwassal lilkom ġest tassew sabiħ u nobbli li għamlu ċ-Ċentru Ċiviku t'Għajnsielem f'Għawdex. Mal-faċċata tagħhom, bi prominenza weħħlu billboard imdaqqsa fejn fiha ħasbu f'dawk kollha li qed jgħinu fil-ġlieda kontra l-corona virus. Ir-ringrazzjament, kif imfisser fil-billboard isemmi dawk li jissejħu 'front liners', li jinkludu: t-tobba, l-infermieri, il-paramediċi u l-pulizija.

Aktar l-isfel, kelmtejn ta' prekawzjoni u ta' kuraġġ fl-istess ħin, nikkwota; "Stay Home, Stronger Together, You Safe Għajnsielem."

Naf b'entitajiet oħra li għamlu ġesti diversi ta' apprezzament lejn dawn in-nies qalbiena li qed jaħdmu bla heda biex lilna u lil uliedna jipproteġuna. Eżempju, l-kumpless 'Esplora', iċ-ċentru interattiv dwar ix-xjenza, b'kollaborazzjoni mal-isptar Mater Dei beda joffri biljett tad-dħul ta' darba lill-impjegati kollha fil-kura tas-saħħa tal-isptar, kif ukoll tletin fil-mija roħs fuq sa tlett persuni li jkunu qed jakkumpanjawhom.

Dawn l-inizjattivi inti smajt bihom? U żgur li mhux kollox hu ikraħ u negattiv. Jinħtieġ biss infittxu u niskopru u nibdew naraw l-istampa kollha ta' sitwazzjoni. Il-ġest ta' dawn l-entitajiet forsi kien jirrikjedi ċertu ħsieb u loġistika iżda xejn kumplikat. B'danakollu, x'impatt għandu dan fil-ħajja ta' xi front liner minn dawk imsemmija li jkun għaddej minn Għajnsielem u tara jew jara dan il-billboard jirringrazzjha jew jirringrazzjah!

Il-mentalità ta' "U iva" jew "mhux xorta" inkella "b'daqshekk!" jinħtieġ nirreżistuha f'dawn il-gżejjer. Li kieku xi ħadd waqt li int għaddej fit-triq jaqbad jinsulentak, jew joffendik bil- familjari tiegħek ma naħsibx li se tħallih b'xejn! Ma naħsibx li se tgħid, "U iva", jew "mhux xorta"jew "inkella b'daqshekk!" Allura għaliex hi daqstant bi tqila biex inkunu irġiel u nisa li nkunu kapaċi napprezzaw, nirrikonxxu, u ngħidu Grazzi.

Grazzi...

# Kuntent u kburi bis-sehem tal-poplu Malti u Għawdxi



**L-Onor. Michael Falzon**

Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal
u Solidarjetà Soċjali

Ħbieb,

Resqin lejn tmiem is-sena, u jekk inħarsu ftit lura, ilkoll kemm aħna żgur naqblu li din is-sena kienet waħda aktar ta' sfida minn oħrajn. Kienet sena li bidlitilna l-istili ta' ħajja tagħna, waqt li minkejja d-diffikultajiet kollha, kellna nkomplu naħdmu, nirsistu u mmantnu l-familji tagħna.

Inħossni kuntent u kburi bis-sehem tal-poplu Malti u Għawdxi, li grazzi għall-bżulija u r-reżiljenza tiegħu bqajna mexjin f'dawn il-mumenti diffiċli. Minħabba l-isfidi kbar illi kellna, neċessarjament allura, il-baġit ta' din is-sena fdalna aktar xogħol x'nagħmlu bħala Ministeru, b'għexieren ta' miżuri soċjali li ħadna tul din is-sena, u li se nkunu qed nieħdu s-sena d-dieħla.

Għalhekk, issa li qegħdin fi tmiem din is-sena, ninsabu preparati biex namministraw il-miżuri soċjali l-ġodda, filwaqt illi nkomplu nsaħħu dawk eżistenti.

Iktar minn kollox, din is-sena assistejna għal Gvern illi preżenta l-ikbar baġit li qatt ġie preżentat fl-istorja ta' pajjiżna, u dan fi żmien fejn pajjiżi minn kontinenti differenti, qed jagħmlu aktar pressjoni u piżijiet fuq iċ-ċittadini, kawża tal-pandemija. Iżda aħna differenti. Ir-ruħ soċjali tagħna tagħżilna minn oħrajn.

Għaldaqstant, għal darboħra għażilna li ninċentivaw, saħħaħna l-assistenza mogħtija, tajna ġurnata oħra leave, u se ndaħħlu għexieren ta' miżuri soċjali oħra. Fl-istess waqt, ma żidna l-ebda taxxi u ħarisna biss lejn l-aqwa interess tal-familji u n-negozji.

Fid-dawl ta' dan kollu, ejja nkomplu nagħtu prijorità lis-saħħa, filwaqt li nkomplu nieħdu d-deċiżjonijiet għaqlija biex nissalvagwardjaw il-futur tagħna u t'uliedna. Ħbieb, mela ejja nkomplu nibnu ma' dawn il-passi, sakemm nerġgħu lura għan-normal, u nkunu aktar b'saħħitna, nħarsu 'l quddiem.





# Il-ħsibijiet tiegħi f'dan iż-żmien imorru lil hinn mill-politika

**L-Onor. Silvio Parnis**

Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità

Għalkemm minħabba l-pandemija, li tista' tgħid ħakmet lid-dinja kollha, din is-sena kienet sena differenti mis-snin preċedenti, xorta waħda wasal iż-żmien sabiħ ta' festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena.

Il-ħsibijiet tiegħi f'dan iż-żmien jmorru lil hinn mill-politika. Il-politika hemm żmienha però f'dan iż-żmien ta' festi, nixtieq li nawgura lil dawk in-nies li fid-djar tagħhom jinsabu waħedhom. Lil dawk in-nies li minkejja li ninsabu fiż-żmien sabiħ tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, m'għandhomx tama. Li għandhom numru ta' sfidi quddiemhom. Li għandhom il-mard fil-familji tagħhom.

Jien dejjem nemmen li dħalt fil-politika biex inservi u qiegħed fil-politika biex nagħmel dak kollu li nista' sabiex nipprova ntejjeb il-ħajja tan-nies. Meta nħares lura lejn is-27 sena li ilni fil-ħajja pubblika, b'umiltà nirrealizza li rnexxieli nagħmel impatt pożittiv fil-ħajja ta' diversi nies u familji.

Għalkemm ilkoll kemm aħna għandna d-diffikultajiet tagħna, f'dawn iż-żminijiet ta' festi nixtieq nawguralkom żmien sabiħ u żmien ta' hena. Nittama li f'dawn iż-żminijiet ilkoll kemm aħna jirnexxielna nagħmlu memorji sbieħ.

Jiena, f'ismi, f'isem il-mara tiegħi, it-tifel tiegħi u l-familja kollha tiegħi, nawguralkom minn qalbi li jkollkom Milied sabiħ u sena 2021 b'dak kollu li tixtieq qalbkom. Nixtiqilkom ukoll li s-sena l-ġdida tkun sena ferm aħjar minn din is-sena fejn il-ħolm tagħkom isir realtà.

Nawguralkom b'mod sinċier.



# Inkomplu fejn ħallejna



## Mark Musù

Segretarju Permanenti Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali

Qed nikteb dawn il-kelmtejn fl-istess ġimgħa li tħabbar il-baġit għas-sena l-ġdida, u li fiha immedjatament tlaqna bil-proċess li jwassal biex minn Jannar nibdew inwettqu l-miżuri soċjali li kienu fil-qofol tad-diskors tal-Ministru għall-Finanzi.

Minkejja l-impatt bla preċedent tal-imxija tal-Covid fuq il-finanzi u l-ekonomija tal-pajjiż, il-baġit kien jiżboq oħrajn imressqa f'dawn l-aħħar snin għax, filwaqt li ssokta bl-impenn li titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin, kien mogħni b'miżuri indirizzati biex speċifikament jitkattar id-dħul tal-familji biex jilħqu aħjar mal-effetti tal-pandemija.

Barra t-tiġdid tal-iskema biex jitħarsu l-impjiegi permezz tal-Wage Supplement, il-ħruġ mill-ġdid tal-vawċers biex jgħinu l-familji fl-istess ħin jagħtu nifs lin-negozji u l-għoti ta' rifużjoni tat-taxxa, b'rati miżjuda, il-baġit kompla jirranka bil-programm ta' tisħiħ ta' benefiċċji soċjali.

Kien ferm ta' sodisfazzjon għal kull min ħadem u ħejja s-sensiela ta' proposti mressqa mill-Ministeru, li mhux biss intlaqgħu numru sabiħ minnhom iżda wkoll għall-fatt li ġew allokati aktar fondi mis-snin imgħoddija għal dan il-għan. Il-miżuri jolqtu pensjonanti, anzjani, familji bit-tfal, koppji u persuni li jgħixu waħedhom bi dħul baxx u persuni b'diżabilità. B'kollox nistmaw li 'l fuq minn 120,000 persuna bejn pensjonanti, anzjani u persuni vulnerabbli u 45,000 familja b'madwar 70,000 tifel u tifla ser igawdu mill-miżuri.

B'mod ġenerali, il-media lokali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili kellhom kummenti pożittivi dwar il-baġit, u diversi kummentaturi qisuh bħala wieħed b'ruħ soċjali u li jnissel tama u serħan il-moħħ fil-kuntest tal-isfidi li ġabet il-pandemija fostna. Dan kien ta' sodisfazzjon għalina għax dak kien l-għan tal-pakkett ta' miżuri li fassalna.

L-aktar li ħalliet impatt kienet iż-żieda ta' €5 fil-ġimgħa, inkluż dik għall-għoli tal-ħajja, lill- pensjonanti. Barra li kienet is-sitt waħda konsekuttiva mill-2016, din kienet it-tieni l-akbar żieda li qatt ingħataw il-pensjonanti. Flimkien maż-żieda għall-għoli tal-ħajja, ż-żieda fil-pensjonijiet ser tiswa aktar minn €25 miljun ewro.

Parti minn din is-somma ser tmur biex nagħmlu ġustizzja ma' dawk il-persuni, l-aktar nisa, li ma setgħux jikkwalifikaw għall-pensjoni kontributorja għall-irtirar għax il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li ħallsu qabel l-eta' ta' 19-il sena ma kienux jingħaddu fl-assessjar biex tinħadem il-pensjoni. B'emenda li ser inressqu fil-liġi tas-Sigurtà Soċjali, mis-sena d-dieħla 'l quddiem jekk persuna ma' tikkwalifikax għall-pensjoni bil-kontribuzzjonijiet ta' wara d-19-il sena, se jibdew jiġu kkunsidrati l-kontribuzzjonijiet imħallsa qabel l-età ta' 19-il sena u jekk tilħaq il-minimu preċiż meħtieġ, ser tibda tirċievi l-pensjoni minima mnaqqsa li tirriżulta.

Għal dawk li xorta waħda jibqgħu ma jikkwalifikawx għall-pensjoni kontributorja għax ma jkollhomx bolol biżżejjed, ħsibna li jingħataw żieda ta' €50 fil-bonus annwali tagħhom biex issa dawk il-persuni li ħallsu anqas minn 5 snin bolol ser jibdew jieħdu bonus ta' €250; u dawk li ħallsu aktar minn 5 snin bolol il-bonus tagħhom ser jitla' għal €350. Dan il-bonus li minnu jibbenefikaw madwar 15-il elf anzjan jew anzjana jitħallas fl-ewwel ġimgħat tas-sena l-ġdida.

Għall-anzjani li jgħixu fi djarhom jew fi djar residenzjali privati jew tal-Gvern mill-ġdid ser jkunu ntitolati għall-

*Ikompli fil-paġna li ġejja*

*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

għotja ta' €300 jekk għandhom bejn 75 u 79 sena; u €350 jekk għandhom 80 sena jew aktar.

Koppji u persuni li jgħixu waħedhom li minħabba d-dħul baxx tagħhom jirċievu l-Għajnuna Supplimentari ser igawdu minn żieda fir-rati li jvarjaw bejn €70 u €108. Barra minn hekk, is-suppliment ta' €150 li jitħallas kull sena flimkien ma' dan il-benefiċċju ser jibda jingħata lil kull persuna fl-età ta' 65 sena jew aktar.

Milqugħa tajjeb kienu dawk il-miżuri li direttament jgħinu familji bit-tfal. Barra l-ħlas taċ-Children's Allowance, madwar 40 elf familja bi tfal taħt is-16-il sena, ser jibdew jirċievu suppliment għal kull wild fil-familja.

Dan ser ikun ta' €70 fis-sena kull wild għal familji li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx il-€25,318 u €50 kull wild għal dawk il-familji li d-dħul tagħhom jaqbeż dan l-ammont. B'hekk familja b'żewġt it-tfal ser tkun intitolata għall-suppliment ta' €140 jew €100 fis-sena skont it-dħul tal-familja.

Titjib ieħor li jolqot il-familji kien dak tal-InWork Benefit li jitħallas fejn il-ġenituri jew wieħed jew waħda minnhom ikunu impjegati u għandhom tfal taħt it-23 sena. Bi tkomplija mit-titjib fir-rati u twessiegħ tat-thresholds li seħħ f'Ġunju bħala parti mill-Pjan ta' Riġenerazzjoni Ekonomika, it-thresholds fit-tlett kategoriji tal-benefiċċju ser jerġgħu jitwessgħu biex iktar familji jkunu eliġibbli.




Ħsibna wkoll f'dawk il-familji li b'għożża jiffosterjaw tfal li jkunu taħt Ordni ta' Ħarsien, billi ser ngħollu b'€520 fis-sena l-Foster Care Allowance li tingħatalhom għal kull tifel jew tifla li jkun taħt il-kura tagħhom. Dan il-benefiċċju issa ser ilaħħaq €110 fil-ġimgħa jew €5,720 fis-sena.

Nixtieq insemmi miżura oħra li għalkemm mhux ser tiswa ħafna nħoss li xorta waħda hija ta' importanza għax għandha tgħin koppji li jagħżlu li jaddottaw tfal minn Malta stess. Bħalma għinna koppji biex jaddottaw minn barra l-pajjiż, issa ser noffru għajnuna sa €1,000 biex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-proċess tal-adozzjoni lokali.

Minn Jannar ser nintroduċu benefiċċju ġdid għall-ġenituri li jkollhom jieqfu mix-xogħol biex jikkuraw wild b'diżabilità fl-età ta' aktar minn 16-il sena u li jkunu qed jirċievu l-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa. Dan il-benefiċċju, li ser ikun magħruf bħal Għotja għal Carer, ser ikun ta' €300 fis-sena.

Fil-qasam ta' persuni b'diżabilità ser inwessgħu bi ftit il-parametri ta' eligibbilità għal kundizzjonijiet ta' diżabilità intelletwali sabiex aktar persuni li għandhom xi forma ta' diżabilità li timpedihom milli jaħdmu jkunu jistgħu jikkwalifikaw għall-assistenza miżjuda.
Bħalma din is-sena wettaqna kull miżura li kienet fdata f'idejn il-Ministeru, daqstant ser nistinkaw biex il-miżuri ġodda jaslu għand il-benefiċċjarji kemm jista jkun malajr matul l-2021.

Nixtieq inwassal il-ħajr tiegħi li kull minn ħadem fuq il-miżuri soċjali u lil dawk li, id f'id mall-MITA, qed imexxu l-proċessi biex inwettquhom. Grazzi minn qalbi għall-appoġġ u l-ħidma tagħhom. Insellem u nirringrazzja wkoll lil kull min jagħti s-sehem tiegħu matul is-sena fid-dipartmenti u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt il-ministeru. Mingħajr is-sehem tagħkom il-missjoni li nkunu ta' servizz u wens għal dawk fil-bżonn ma tkunx tista' sseħħ kif jixraq.

Fl-aħħarnett, nieħu l-okkażjoni biex inwassal l-isbaħ xewqat għal Milied hieni u sena mimlija risq lilkom u l-familji tagħkom. Jalla l-2021 tkun is-sena li fiha ikun irnexxielna neħilsu mill-pandemija biex nerġgħu nieħdu r-ruħ u nibdew ngħixu mill-ġdid ħajja normali.

# Rikonoxximent lis-Segretarju Permanenti s-Sur Mark Musù




**Għal ħidma mwettqa mill-Ministeru Għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali matul l-2019**

Fi tmiem Settembru li għadda, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru Għall-Familja, is-Sur Mark Musù ingħata rikonoxximent għall-ħidma mwettqa fl-2019 mill-Ministeru Għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali billi implimenta l-aktar proġetti u miżuri u li kien l-aktar Ministeru li żamm mal-pjani oriġinali fl-implimentazzjoni.

Waqt ċerimonja ippreseduta mill-ET il-President ta' Malta George Vella bħala parti mill-ġimgħa tas-servizz pubbliku, u fil-preżenza tas-Segretarju Permanenti Ewlieni Mario Cutajar, il-Ministru Michael Falzon irringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu u tenna li jinsab kburi b'dan l-impenn favur l-aktar persuni vulnerabbli fis-soċjetà.

Is-Sur Mark Musù qal li dan ir-rikonoxximent mhuwiex tiegħu iżda jirrappreżenta l-ħaddiema kollha tal-istess Ministeru. Is-Sur Musù temm billi irringrazzja lill-istess impjegati tal-ħidma professjonali tagħhom u tal-appoġġ kbir li huma jagħtuh ta' kuljum.

F'isem l-impjegati kollha ta' dan il-Ministeru nifraħ lis-Sur Musù ta' dan is-suċċess li apparti li kif qal hu stess, dan hu unur li jirrappreżenta ħidma kollettiva, minkejja dan kulħadd jaf kemm is-Sur Musù għandu għal qalbu l-interess ta' kull impjegat tagħna u dejjem bieb miftuħ lest jisma, jagħder u jifhem kull sitwazzjoni li bniedem ikun għaddej minna. Ta' dan, l-akbar ħajr u apprezzament.


**Tonio Bonello**
Editur Media MFCS
Corporate Communications Manager




**I will honour Christmas in my heart, and try to keep it all the year.**

*Charles Dickens*

# Ittra lill-Editur

## *Il-klabb tal-ilma*

*Residenti f'Dar tal-Anzjani ġewwa raħal fl-Ingilterra ġew imħeġġa biex jixorbu l-aktar mediċina sempliċi li teżisti, l-ilma. Wara xi ftit taż-żmien kien rappurtat tibdil sostanzjali f'saħħet ir-residenti tal-post.*

*Anzjana ta' 80 sena li kienet issib wisq diffikultà biex timxi, wara li bdiet tixrob ħafna ilma, mhux biss bdiet toħroġ barra, imma talli hi stess stqarret li qed tħossha ħafna iżgħar. Dan grazzi għall-klabb li għandhom f'din id-dar tal-Anzjani.*

*Il-klabb issejħulu, il-"klabb tal-ilma". Il-membri ta' dan il-klabb għandhom jixorbu minn tmienja sa għaxar tazzi ilma ta' kuljum. Għal dan il-għan, kull resident għandu l-ilma fil-kamra tiegħu jew tagħha, kif ukoll hemm l-ilma pprovdut fil-kurutturi kollha tal-post.*

*Bis-saħħa t'hekk, dan is-suċċess beda jinxtered mhux ħażin fi djar oħra fejn hemm l-anzjani. Nuqqas ta' ilma jista' jirriżulta f'telqa fis-saħħa ta' dak li jkun. Dan iġib miegħu sturdamenti, konfużjoni, infezzjonijiet u anki waqgħat.*

*L-interess f'attività pożittiva bħal din kiber sew tant li l-awtoritajiet qegħdin jagħmlu kull mezz biex jiżguraw li kemm jista' jkun din l-inizjattiva interessanti u siewja tkompli tinxtered ma' kullimkien.*

***Marion Higgins***

**Nota Editorjali :**
Is-Sa Higgins ġentilment infurmatna li din l-informazzjoni kisbitha minn fuq il-pubblikazzjoni, "L-Anzjan Illum" ta' Ottubru – Diċembru 2014. Minn hawn nieħu l-okkażjoni ninkoraġġixxi aktar qarrejja tar-rivista 'Familja' biex jiktbulna u jesprimu l-ħsibijiet tagħhom jew jibagħtu materjal dwar xi qasam tal-interess tagħhom. Tistgħu tagħmlu dan permezz tal-indirizz elettroniku; **familja.media@gov.mt**

# Apprezzament ta' Servizz ta' Kwalità




*Ritratt: Mix-Xellug għal lemin; l-Onorevoli Ministru Michael Falzon, is-Sinjura Kathleen Cutajar, is-Segretarju Permanenti, is-Sur Mark Musù u l-Kap Eżekuttiv tal-Anzjanità Attiva Dr Renzo De Gabriele.*

### Għotja ta' Rikonoxximent

Is-sinjura Kathleen Cutajar, Infection Prevention and Control Nurse fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità reċentament ingħatat rikonoxximent għas-servizz ta' kwalità fl-okkażżjoni għall-'Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku 2020 – is-Servizz Pubbliku Dejjem Miegħek'.

F'isem il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna lil din l-impjegata li hija eżempju ta' dedikazzjoni u servizz ta' kwalità għalina lkoll.

Is-sinjura Cutajar ħadet dan l-unur u ngħatat dan ir-rikonoxximent għad-dedikazzjoni li wriet f'dawn iż-żminijiet iebsin billi għenet lil diversi Djar Residenzjali, kif ukoll kienet u għadha ta' għajnuna kbira fil-kontrol tal-imxija kontra l-COVID-19.

Nifirħulha għal dan ir-rikonoxximent.

# L-2020 mil-lenti tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali




Is-sena 2020 offriet sfidi li xejn ma kienu mistennija u li dawru xi ftit il-pjanijiet li kienu mħejjija. Fil-fatt mal-ewwel ftit xhur tas-sena, din l-Awtorità kellha xxammar il-kmiem tagħha sabiex tiffaċċja sfidi ġodda.

L-Awtorità dejjem żammet quddiem għajnejha lill-iktar persuni vulnerabbli u għaldaqstant, ikkollaborat u bniet relazzjoni ma' diversi entitajiet biex tipproteġihom bl-iktar mod sħiħ u sigur.

Fl-aħħar ġimgħat, l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali żiedet ukoll xi rwoli ġodda sabiex tkun aktar effiċjenti, filwaqt li kompliet u ser tibqa' tkompli bil-ħidma u l-operat li għandha ppjanata għal matul din is-sena.

Sabiex tindirizza l-sfidi li ġabet magħha l-pandemija, l-Awtorità żiedet ir-responsabbiltajiet ta' *Swabbing Hub* sabiex tiżgura li l-iktar persuni vulnerabbli qed jiġu ttestjati skont kif meħtieġ.

Apparti minn hekk, f'sitwazzjonijiet ta' każi pożittivi, l-Awtorità mexxiet ukoll il-*case management* sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu f'riskju wara kuntatt ma' individwi pożittivi għall-COVID-19.

Fil-qasam ta' Standards Soċjali Regolatorji u Regolamentazzjoni, l-Awtorità wettqet ħidma sfiqa sabiex jiġu mħabbra uffiċjalment standards fil-qasam tal-kura alternattiva, dipendenza għolja u kura kronika, vjolenza domestika u servizzi ta' *outreach* bbażati fil-komunità.

Fl-ambitu tar-riċerka, l-Awtorità baqgħet impenjata li twettaq eżerċizzji ffokati dwar setturi speċifiċi sabiex tkun tista' tanalizza l-proviżjoni ta' servizzi ta' ħarsien soċjali minn ħames dimensjonijiet.

L-għan ta' din it-tip ta' riċerka hi li titpoġġa iktar minn qatt qabel il-perspettiva ta' min jagħti servizz, jagħmel użu mis-servizz; qraba, kif ukoll il-maniġment u l-professjonisti. L-ewwel eżerċizzju li sar u ntemm kien fis-settur tal-Adozzjoni.

L-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali kompliet il-ħidma tagħha sabiex tassigura li jinħarġu liċenzji għall-proviżjoni ta' servizzi ta' wens soċjali kif ukoll jiġġeddu liċenzji ta' servizzi li qed joperaw. Għalhekk, l-Awtorità kompliet bl-ispezzjonijiet tagħha, kemm għal fini ta' liċenzjar, kif ukoll bħala monitoraġġ u investigazzjoni f'każi ta' *feedback*.

Tajjeb li wieħed jgħid li waqt il-pandemija, l-ispezzjonijiet baqgħu isiru xorta, filwaqt li żdiedu wkoll spezzjonijiet virtwali sabiex dejjem nibqgħu nżommu l-kuntatt, kemm mal-provditur tas-servizz, kif ukoll ma' min jagħmel użu tas-servizz.

Matul din is-sena l-Awtorità żiedet il-kapaċità tagħha fil-qasam tal-infurzar permezz ta' żieda ta' riżorsi umani mill-qasam mediku u permezz t'hekk kompliet issaħħaħ ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa speċjalment fiż-żmien tal-pandemija fejn setgħet tikkonċentra iktar dwar prevenzjoni tal-mard infettiv.

Matul din is-sena, l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali nediet ukoll il-ħidma tagħha għas-seba' snin li ġejjin permezz tal-viżjoni strateġika

**Matthew Vella**
Kap Eżekuttiv SCSA

*Ikompli fil-paġna li jmiss*

*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

tagħha. Din il-viżjoni hi msejsa fuq diversi miżuri u inizjattivi sabiex matul dawn is-snin il-qafas regolatorju fis-settur soċjali jkompli jissaħħaħ u jimxi 'l quddiem.

Bħala parti minn din il-Viżjoni Strateġika, l-Awtorità nediet proġett ewlieni li ser jara l-qalba tal-proċess tal-adozzjoni minn dak manwali bil-karti għall-użu tat-teknoloġija tal-*blockchain*. Permezz ta' dan il-proġett ser tissaħħaħ is-sigurtà u t-trasparenza f'dan il-proċess tant delikat speċjalment għat-tiftix tal-oriġini 'l quddiem fil-ħajja tal-individwu.

Sabiex tkompli tissaħħaħ il-kollaborazzjoni ma' entitajiet differenti, matul din is-sena l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali ffirmat ukoll *Memorandum of Understanding* mal-MCAST.

Permezz ta' dan il-ftehim, l-Awtorità ser iżżid il-kapaċità tagħha li toffri apprentistati fi ħdanha għal studenti




*Ritratt: DOI - Clodagh O'Neil*

minn oqsma differenti. Apparti minn hekk, l-Awtorità ser tkun qed tikkolabora mal-MCAST sabiex ikompli jissaħħaħ il-kurrikulu fil-qasam tar-regolametazzjoni ta' servizzi ta' wens soċjali u tkompli titjib il-kwalità.

L-2020 uriet li ċ-ċavetta sabiex twettaq dak li jkollok ippjanat mhix biss li tiffoka li jkollok suċċess, iżda li żżomm is-sinifikat ta' dak li qed twettaq fiċ-ċentru tal-ħidma. Dan iwassal għal passi u rebħiet żgħar li matul il-mixja kollha jingħaqdu fi stampa ikbar.

# Mal-ewwel xita


**M'Christine Agius**
HR Unit,
St Vincent De Paule


Mad-dħul ta' Settembru
bis-sajf qed jitbiegħed
is-sema qed jixgħel
iberraq u jriegħed.

Il-bjut ġew imnaddfa
mit-trab u mill-ħmieġ
It-twieqi ingħalqu
u ttappan il-ħġieġ.

Il-bjar ġew insewqa
biex jerġgħu jimtlew
it-tiben u s-silla
mogħttija sew

Is-siġar ferħana
l-għeruq ħadu l-ħajja
in-nies kollha tgerrxu
u tbatlet kull bajja

It-toroq imgħarqa
in-nies imgerfxin
ilkoll bla umbrella
jiġru mxarrbin

U jiena ġo dari
fl-irdoss u fil-kenn
bħas-soltu niftakar
li għandi impenn.

Biex fil-ħin li jinġabru
l-familja jkun sar
riħa ta' pudina
tkun taqsam id-dar.



# Kif it-tfal jitgħallmu jieħdu d-deċiżjonijiet

**Pauline Miceli**
Kummissarju tat-Tfal

Wieħed mid-drittijiet l-iktar importanti u fundamentali tal-bniedem hija l-libertà li jaħseb, jgħid u jagħmel dak li jidhirlu li huwa tajjeb. Dan id-dritt huwa msejjes fuq il-kapaċità tal-individwu li jagħraf it-tajjeb mill-ħażin f'dak li jkun se jaħseb, jgħid jew jagħmel.

Peress li din il-kapaċità l-bniedem ma jitwelidx biha iżda tissawwar fih matul it-tfulija, f'Artiklu 5 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-libertà tat-tfal hija kkwalifikata bħala d-dmir tal-ġenituri li jiggwidaw it-tfal fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom skond "l-evoluzzjoni tal-kapaċitajiet tagħhom" (tat-tfal).

Dan ifisser li l-ġenituri jiddeċiedu għat-tfal fejn dawn ma jkunux kapaċi jużaw il-libertà tagħhom fl-aħjar interess tagħhom, filwaqt li jħalluhom jagħmlu l-għażliet tagħhom fejn u meta t-tfal ikunu żviluppaw l-għarfien tagħhom biżżejjed.

Mad-daqqa t'għajn, Artiklu 5 jidher li joffri soluzzjoni xierqa u sħiħa għall-problema tan-nuqqas ta' sisien morali u psikoloġiċi sodi tad-dritt tal-libertà tat-tfal. Iżda jekk inħarsu iktar fil-fond nindunaw li l-parametri ta' dan l-Artiklu huma ftit estremi fis-sens li jagħtu stampa mhux minnha tat-tfal li jew huma kapaċi jiddeċiedu b'rashom jew jiddependu għal kollox mill-ġenituri tagħhom li, minn naħa tagħhom, donnhom huma infallibbli fid-deċiżjonijiet li jieħdu għat-tfal.

Il-realtà fiha ħafna iktar sfumaturi minn hekk. Il-ġenituri, minkejja li jħobbu ħafna lit-tfal u jagħmlu l-almu tagħhom għalihom, mhux dejjem jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet għat-tfal. Dan għax il-ħsieb tagħhom dwar x'inhu l-aħjar għat-tfal jaf ikun influwenzat minn preġudizzji u kunflitti interni li l-ġenituri jġorru magħhom fl-inkonxju tagħhom u li kważi mingħajr ma jafu jimponu fuq it-tfal.

Mill-banda l-oħra, it-tfal huma kollha uniċi u differenti minn xulxin fil-kwalitajiet ġewwinija tagħhom. Għaldaqstant, 'l hinn mill-bżonnijiet materjali li huma l-istess għat-tfal kollha, il-verità dwar dak li hu l-aħjar għal tifel jew tifla partikolari tista' tinstab biss fih/a.

Dawk li tletin sena ilu kitbu u qablu fuq il-kontenut tal-Konvenzjoni kienu konxji li Artiklu 5 waħdu ma setax jaqbad dawn l-isfumaturi. Hu għalhekk li fil-Konvenzjoni nsibu Artiklu 12 li jistabilixxi d-dritt tat-tfal li jsemmgħu leħenhom qabel ma tittieħed deċiżjoni li tolqothom, u d-dmir tal-ġenturi u kull forma ta' awtorità oħra li, skond l-età u l-maturità tat-tfal, jagħtu widen lill-fehmiet u x-xewqat tat-tfal u jqisuhom fid-deċiżjonijiet li jieħdu għalihom.

Jekk inpoġġu Artikli 5 u 12 ħdejn xulxin, nifhmu li deċiżjonijiet li jirrigwardaw lit-tfal, anke meta jittieħdu mill-ġenituri jew minn xi awtorità oħra, bħall-għalliema, għandhom ikunu riżultat ta' djalogu skjett u miftuħ mat-tfal fejn il-kbar mhux biss ifiehmu lit-tfal iżda wkoll jifhmu lit-tfal.



Biex dan id-djalogu jirnexxi, il-kbar iridu jikkollegaw ruħhom mal-*wavelength* tat-tfal f'dak li hu l-lingwaġġ u l-ambjent tad-djalogu, li jridu jkunu *child-friendly*.



Hija ħaġa pożittiva li f'Malta, l-idea tal-parteċipazzjoni tat-tfal qed tingħata ħafna iktar importanza, kif jixhdu żviluppi reċenti bħall-estensjoni tad-dritt tal-vot għal żgħażagħ ta' sittax u sbatax-il sena u l-Kunsilli Lokali tat-Tfal. Madankollu, hemm sfond qawwi ta' liġi u kultura li tiffavorixxi l-awtorità fuq it-tfal a skapitu tal-parteċipazzjoni tat-tfal, li narawha fost affarijiet oħra fil-mod inkonsistenti li bih tfal jinstemgħu fil-qrati tagħna.



Ejjew nużaw iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal, fl-20 ta' Novembru, u t-tletin anniversarju tar-ratifika tal-Konvenzjoni minn Malta biex inbattlu dan l-isfond mill-ideat awtoritarji tal-passat u nsawru l-preżent u l-futur madwar il-parteċipazzjoni u d-djalogu mat-tfal.

# Anzjanità attiva fiż-żminijiet tal-lum



**Dr. Mary Vella**
Kummissarju tal-Anzjani

Statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika turi li n-nies f'Malta qegħdin jgħixu aktar. Biżżejjed ngħidu li kwart tal-popolazzjoni Maltija għandha 'l fuq minn sittin sena. Din ir-realtà hija riżultat ta' rati aktar baxxi ta' fertilità u mortalità, flimkien ma' avvanzi fil-kura u s-servizz tas-saħħa, kif ukoll fiż-żamma ta' indipendenza u awtonomija aktar tard fil-ħajja.

Aħna nafu li l-perjodu ta' anzjanità, anke għaliex sirna ngħixu aktar huwa terminu wiesgħa ħafna, l-istess bħalma hemm spectrum wiesgħa ta' vulnerabilità. Għandna anzjani li jibqgħu f'tagħhom u f'saħħithom għal ħafna snin, u jibqgħu jagħtu kontribut siewi fil-familja, fis-soċjetà u fil-pajjiż, u din il-faxxa tas-soċjetà tgawdi rispett kbir.

Mill banda l-oħra għandna anzjani oħrajn li kultant, minħabba ċerti ċirkostanzi jiġu mogħtija ftit li xejn dinjità u awtonomija.

Nies akbar fl-età għandhom jitqiesu bħala riżors imprezzabbli produttiv bil-parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol, fil-volontarjat, u oħrajn bir-responsabbiltà li jġorru ta' kura li jagħtu lil qraba u dipendenti tagħhom. Dawn bħal nies li jieħdu ħsieb ġenituri anzjani u nanniet.

Jekk wieħed iqies il-ħlasijiet tat-taxxi, il-ħidma fil-volontarjat u r-responsabbilitajiet ta' ħarsien li jagħtu nies ta' età akbar issib illi dawn jikkontribwixxu ħafna iżjed milli fil-fatt jirċievu!

Bħala Kummissjoni tal-Anzjani, biex wieħed jassigura awtonomija u indipendenza aktar tard fil-ħajja, aħna flimkien ma' diversi setturi konċernati nemfasizzaw li wieħed jibqa' jieħu ħsieb saħħtu u jgħix stil ta' ħajja aktar sana. Dan billi jagħmel xi forma ta' eżerċizzju regolari bħal mixi, jiekol dieta bilanċjata u jnaqqas mill-konsum ta' zokkor, melħ, alcaħol u t-tipjip. L-assessjar regolari għad-Diabete, Pressjoni għolja u Dimensja, flimkien ma' visti tal-għajnejn u tas-smigħ jgħinu wkoll biex jiġu prevenuti waqgħat. Hu permezz t'hekk li jistgħu jiżdiedu s-snin ta' ħajja fit-tul u b'saħħita.

Fuq kollox, meta jibqgħu f'saħħithom, l-anzjani tagħna jkunu jistgħu, jekk jixtiequ, jtawwlu il-ħajja tax-xogħol u jtejjbu l-benesseri tagħhom. Dan mingħajr ma b'xi mod ninsew dawk il -persuni akbar fl-età li għandhom bżonn xi forma ta' għajnuna, kura u attenzjoni.

Nafu li x-xogħol huwa aspett importanti fil-ħajja u fil-qasam tas-saħħa tal-individwu. Ħafna drabi, persuni li jilħqu l-età tal-irtirar jispiċċaw ibgħatu minn ansjetà u dipressjoni jekk ikunu sfurzati jieqfu mix-xogħol. Hu għalhekk li sa fejn hu possibbli u mixtieq, persuni ta' età akbar huma mħeġġa u nkoraġġiti biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol.

F'dan ir-rigward, riċentament sar possibli li min jiflaħ u jixtieq, ikun jista' jkompli jaħdem. Biex dan ikompli jseħħ u jkun possibli huwa importanti li jkun hawn perspettiva fit-tul dwar ix-xogħol fosthom:

(1) Ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjiegi għall-ħaddiema akbar fl-età;
(2) Tneħħija ta' diżinċentivi fiskali u soċjali meta wieħed ikompli jaħdem;
(3) L-adattament tal-postijiet tax-xogħol għal ħtiġijiet ta' din il-kategorija ta' ħaddiema;
(4) Aċċess għal taħriġ bl-għan li jtejbu l-ħiliet tagħhom;
(5) Sostenn lil dawk li joffru kura informali fid-dar u fl-istess familja.

Għalkemm aħna bħala Kummissjoni nħeġġu, u għandna l-maġġoranza tal-anzjani li jibqgħu attivi ferm u jgawdu rispett qawwi, kultant minħabba f'ċerti ċirkostanzi li ħadd ma jkollu kontroll fuqhom, bħal eżempju; problemi ta' saħħa fiżika jew mentali, nuqqas ta' mobilità, jew meta wieħed jitlef xi ħadd mill-għeżież tiegħu, dawn ir-raġunijiet jistgħu jwasslu għas-solitudini.

Is-solitudni hija fenomenu kumpless li diffiċli tispjegah fi kliem, u flimkien mal-esklużjoni soċjali fejn wieħed jinqata' mill-ħbieb u l-familja, din taf tħalli impatt negattiv fuq is-saħħa tal-individwu.

Il-konsegwenzi tas-solitudini, meta wieħed jispiċċa iżolat mill-kumplament tas-soċjetà jistgħu jħallu persuna mingħajr identità, b'riskju li tgħix ħajja mhux daqshekk sana u b'riskju ta' dipressjoni u stress żejjed.

Huwa għalhekk importanti li nanalizzaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom l-anzjani, fosthom il-ġerħa tas-solitudni u x'miżuri jistgħu jittieħdu biex nindirizzaw din il-problema.

Waħda mill-fatturi li tista' tkun il-kaġun ta' żieda fil-każijiet tas-solitudni hi t-tibdil fl-istruttura tal-familja. Nafu li fejn qabel ħafna mill-anzjani kienu jinġabru, u jibqgħu jieħdu ħsiebhom il-familjari, dan illum kull ma jmur dejjem qed issir iżjed diffiċli, minħabba li ħafna mill-koppji jaħdmu t-tnejn u bil-ħajja mgħaġġla tal-lum, anke għax iridu jieħdu ħsieb il-familji tagħhom stess, ftit li xejn jibqgħalhom ħin għall-ġenituri anzjani tagħhom.

Problema oħra hija t-tnaqqir tal-ispazji pubbliċi u għalhekk għandha tkun prijorità tagħna illi nżidu dawn l-ispazji fejn wieħed ikun jista' jiltaqa' u jgħid kelma mal-ħbieb. Hu b'hekk li nkunu qegħdin nippreservaw il-komunitajiet tagħna. B'dan il-mod inkunu qegħdin inħarsu l-benesseri fiżiċi u psikoloġiċi taċ-ċittadin.

It-tagħlim tat-teknoloġija jista' jgħin biex bl-użu ta' mezzi diġitali, wieħed jista' jibqa', jew jerġa' jagħmel kuntatt ma' ħbieb antiki. Dan barra li jservi ta' mezz ta' komunikazzjoni ma' tal-familja jew qraba msiefrin.

Hija responsabilità ta' kull wieħed u waħda minna, minn persuni akbar fl-età saż-żgħar li flimkien ma' NGO's, il-Kunsilli Lokali, il-Knisja u l-familja nrawmu relazzjonijiet tajba u nżommu kuntatt xieraq bejnietna. Inkunu ta' wens u għajnuna għal ġirien anzjani tagħna. Inkunu hemm għal xulxin biex ħadd ma jħossu minsi jew waħdu.

B'hekk, kull min irid u hu fil-bżonn, isib l-għajnuna u l-appoġġ li jinħtieġ u b'dan nassiguraw kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd.

Dawn huma uħud mir-raġunijiet illi għandna nassiguraw li jiġi ssalvagwardjat id-dritt li kull persuna anzjana għandha tgħix b'dinjità. Dan barra l-fatt li għandu jkun assigurat

*Ikompli fil-paġna li jmiss*



*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

dħul xieraq għall-anzjani taż-żewġ sessi biex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ħajja ta' kuljum.

Ċittadini anzjani għandhom jissieħbu bis-sħiħ fil-ħajja soċjali u demokratika tal-pajjiż. Hu proprju għalhekk li aħna ninkoraġixxu biex dak li jkun jibqa' attiv u dejjem skond il-potenzjal tiegħu, jibqa' jagħti kontribut fil-familja, fis-soċjetà u fil-pajjiż.

Dan jista' jseħħ billi mhux biss nassiguraw forom eżistenti ta' parteċipazzjoni soċjali, imma wkoll billi nippruvaw niffaċilitaw interazzjoni soċjali aktar tard fil-ħajja.

Huwa importanti li nkomplu noħolqu firxa akbar ta' opportunitajiet għal parteċipazzjoni soċjali biex b'hekk persuni akbar fl-età jsiru aktar konxji tal-ħtiġijiet u l-interessi tagħhom u flimkien jkunu jistgħu jegħlbu dawn l-isfidi.

Meta wieħed ikompli b'dawn il-kuntatti soċjali, u hawn insemmu anke l-kontribut siewi u imprezzabbli li joffru n-nanniet u n-nies li jaħdmu fil-volontarjat, psikoloġikament dawn se jħossuhom aħjar u l-kwalità tal-ħajja se titjieb għax dak li jkun iħossu li huwa bżonnjuż, li għad għandu x'joffri, u għalhekk li għad għandu skop fil-ħajja.

Irridu nkomplu naħdmu biex Malta tkun pajjiż fejn ir-rispett għad-drittijiet u d-dinjità tal-anzjani tkun tassew realtà f'kull qasam tal-ħajja. Jeħtieġ li nkomplu nħarsu 'l quddiem lejn soċjetà fejn kull persuna akbar fl-età jkollha l-mezzi meħtieġa biex tibqa taspira li tilħaq l-għanijiet kollha tagħha.



## Choose your New Year's Resolutions and make them happen

- Get fit and healthy
- Lose weight
- Drink more water
- Quit smoking
- Spend less money
- Be more positive
- Pay off debths
- Get Organised
- Have more patience
- Go on vacation
- Spend less time on the phone
- Drink less soda
- Eat less fast food
- Get more sleep
- Volonteer more
- Get a hobby
- Advance career
- Quit procrastinating
- Watch less TV
- Keep New Year's resolutions

# Ħidma barra minn xtutna

- **Il-Kumitat Governattiv tal-Karta Soċjali Ewropea**
- **L-*Age Working Group* taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ewropea**

**Edward Buttigieg**
Direttur Benefiċċji Kontributorji

Reġa' wasal iz-zmien li nagħti l-kontribuzzjoni tiegħi għar-rivista 'Familja' MFCS u din id-darba iddeċidejt li nikteb dwar il-parteċipazzjoni tiegħi f'isem Malta għal dawn l-aħħar disa' snin fil-Kumitat Governattiv tal-Karta Soċjali Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa li jiltaqa darbtejn fis-sena ġewwa Strasburgu fi Franza.

Tajjeb ngħid li għal diversi snin dan l-obbligu kien u għadu jaqa' taħt r-responsabilità tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Iddeċidejt li nikteb ukoll dwar il-parteċipazzjoni tiegħi f'isem Malta ukoll fl-Age Working Group fuq l-adekwatezza tal-pensjonijiet fl-Istati membru tal-Unjoni Ewropea, taħt l-awspiċi tal-Kummisjoni Ewropea li jiltaqa diversi drabi matul is-sena ġewwa Brussel fil-Belġju.

## Kumitat Governattiv tal-Karta Soċjali Ewropeja

Il-Kumitat Governattiv hu magħmul minn membri li ġejjin mis-sebgħa u erbgħin pajjiz li ffirmaw u rrattifikaw il-Karta Soċjali Riveduta Ewropea jew il-Karta Soċjali tal-1961. Malta ffirmat u rrattifikat l-maġġoranza tal-artikoli tal-Karta Soċjali Riveduta Ewropea fis-sena 2005.

B'rizultat ta' dan Malta għandha obbligu internazzjonali li tissottometti rapport kull sena fuq is-sitwazzjoni f'Malta, li tattendi il-laqgħat tal-Kumitat Governattiv, kif ukoll li tara li l-liġijiet Maltin fil-qasam tad-drittijiet soċjali u umani jkunu kemm jista' jkun konformi ma' dak kif ipprovdut fl-artikoli rratifikati tal-Karta Soċjali Riveduta Ewropea.

L-artikoli ratifikati minn Malta huma diversi u jkopru drittijiet soċjali inklużi dawk relatati mad-dritt għax-xogħol, mad-drittijiet tal-impjegati u l-obbligi tal-imgħallem favur l-impjegati u l-impjiegi tagħhom.

Jinkludu wkoll dawk relatati mas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, mal-edukazzjoni u taħriġ, mad-drittijiet tat-tfal, drittijiet tal-anzjani u drittijiet ta' persuni b'disabilità, housing, benefiċċji soċjali, għajnuniet mediċi u servizzi soċjali, kif ukoll drittijiet tal-imigranti. Dan juri li l-obbligi jkopru firxa kemmxejn wiesa ta' drittijiet soċjali u umani bil-għan li jinżamm kemm jista' jkun livell sodisfaċenti ta' għixien minn kulħadd.

B'riżultat ta' dan, wieħed mill-obbligi li għandha Malta hu li darba fis-sena jiġi ppreparat u sottomess rapport fuq id-diversi temi li jkun imiss tirraporta fuqhom Malta. Tali rapport li jintbagħat sa Ottubru ta' kull sena, wara li jiġi analizzat mill-Kumitat ta' Esperti tal-Karta Soċjali Ewropea (ECSR) jgħaddi, jekk ikun hemm in-nuqqas ta' konformità, sabiex jiġi diskuss mill-Kumitat Governattiv li jiltaqa darbtejn fis-sena.

*Ikompli fil-paġna li jmiss*



*Ikompli mill-paġna ta' qabel*

Fi ħdan dan il-grupp jiġu diskussi l-artikoli ta' dawk il-pajjiżi li skont il-Kumitat ta' Esperti mhumiex konformi mal-artikoli rratifikati tal-Karta Soċjali. Matul l-istess laqgħat kemm il-darba jkollu jittieħed vot bejn il-membri sabiex tingħata twissija jew rakkomandazzjoni dwar nuqqas ta' konformità lill-Gvern tal-pajjiż ikkonċernat.

Dan iseħħ sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa u jiġu emendati l-liġijiet tal-pajjiż rispettiv bl-għan li jsir konformi ma' dak ipprovdut mill-Karta Soċjali Ewropea.

Għaldaqstant, b'riżultat tal-obbligi msemmija, jien ingħatajt l-inkarigu għal dawn l-aħħar disa' snin sabiex nipprepara r-rapporti annwali ta' Malta skont l-informazzjoni li tingħabar mingħand id-diversi entitajiet Governattivi Maltin, kif ukoll sabiex nattendi l-laqgħat tal-Kumitat Governattiv bħala rrappreżentant tal-Gvern Malti darbtejn fis-sena.

B'sodisfazzjon nista' ngħid li Malta tinsab f'posizzjoni posittiva ħafna fir-rigward ta' konformità mal-artikoli rratifikati u dawk l-istanti ta' nuqqas ta' konformità huma minimi.

Nista' ngħid ukoll illi sa issa dejjem irnexxilna niddefendu b'suċċess il-pożizzjoni attwali ta' Malta u fil-fatt f'dawn l-aħħar disa' snin kemm ili nattendi jien, Malta qatt ma irċeviet rakkomandazzjoni jew twissija fuq xi nuqqas ta' konformità.

Tajjeb inżid ukoll illi għalkemm il-laqgħa ta' Mejju 2020 ġiet ikkanċellata minħabba fil-COVID-19, il-grupp xorta waħda baqa' jiltaqa b'mod virtwali sabiex kemm jista' jkun jibqa għaddej ix-xogħol neċċessarju. Fil-fatt il-laqgħa ta' Ottubru saret b'mod virtwali.

## Age Working Group – Adekwatezza tal-Pensjonijiet

Il-Grupp li jiddiskuti l-adekwatezza tal-Pensjonijiet fl-Istati membri tal-Unjoni Ewropea jiġi kostitwit darba kull tlett snin u jiltaqa fi Brussel, il-Belġju bil-għan aħħari li jiġi ippublikat rapport li jkopri tlett snin li jkunu għadhom kif għaddew dwar l-adekwatezza tal-Pensjonijiet fl-Istati membri tal-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt kull rapport jiġbor fih informazzjoni fuq is-sistema ta'



pensjoni li titħaddem f'kull Stat membru, kif ukoll informazzjoni oħra li tagħti stampa komparattiva u ħolistika tal-effett li qiegħed ikollhom is-sistemi diversi fuq il-pensjonanti rispettivi tagħhom.

Għaldaqstant ir-rapport jipprova jagħti stampa tal-livelli ta' adekwatezza, b'mod speċjali fuq il-livelli ta' pensjonijiet minimi f'kull pajjiz rispettiv, kif ukoll l-effett fuq il-pensjonanti tal-futur.

Dan il-grupp jiltaqa diversi drabi matul is-sena permezz ta' laqgħat bejn l-istati membri sabiex fihom jiġi diskuss u approvat il-kontenut li għandu jingħabar mingħand il-pajjizi rispettivi, kif ukoll il-format li għandu jintuża fir-rapport li dejjem ikopri t-tlett snin li jkun għadhom kif għaddew.

Bħala Stat membru tal-Unjoni Ewropea, Malta tipparteċipa fil-laqgħat ta' dan il-grupp li jinżammu madwar darba kull xahrejn. Għal dawn l-aħħar seba' snin jien ingħatajt l-inkarigu li nirrappreżenta lil Malta fejn minbarra l-interventi regolari waqt il-laqgħat li nattendi, nipprepara wkoll l-informazzjoni meħtieġa dwar is-sistema ta' pensjonijiet f'Malta, inkluż kull informazzjoni ġdida dwar riformi fis-sistema tal-pensjonijiet f'Malta li jidħlu fis-seħħ minn żmien għall-ieħor.

Hawnhekk tajjeb insemmi li diversi xogħol preparattiv jinvolvi l-intervent dirett ta' Dr Maja Miljanic Brinkworth mill-Ministru tagħna, kif ukoll minn uffiċjali mill-Ministeru tal-Finanzi. Fil-fatt bħalissa għaddej ix-xogħol neċċessarju mill-grupp sabiex tingħabar l-informazzjoni meħtieġa għal pubblikazzjoni tar-rapport li jmiss jiġi ppublikat fis-sena 2021 u li fih se jkun qed ikopri l-perjodu; 2019 sal-2021.

Minkejja l-problema kurrenti tal-COVID-19 dan il-grupp xorta għadu għaddej b'laqgħat virtwali sabiex jinżamm l-appuntament ta' kull tlett snin u jkun jista jiġi ppublikat ir-rapport li jmiss li kif diġà semmejt aktar qabel, jagħti stampa kemm jista' jkun veritiera tas-sitwazzjoni u l-adekwatezza tas-sistemi ta' pensjoni fil-pajjizi membri fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Dan iseħħ bil-għan sabiex tali sistemi jżommu ċertu livell ta' adekwatezza u kemm jista' jkun jonqsu n-numru ta' persuni li jistgħu jsibu ruħhom f'riskju ta' faqar.



Programm Operattiv – Għajnuna Alimentari u/jew Materjali Bażika 2014-2020
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn
Rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 15% Fondi Nazzjonali

# Għajnuna għall-familji fil-bżonn permezz tal-programm FEAD

**Jonathan Silvio**
Direttur

**Joyce Grech**
Assistent Direttur

Matul is-sena, permezz tal-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-persuni l-aktar fil-bżonn (FEAD), isiru numru ta' tqassimiet ta' ikel lill-persuni vulnerabbli. Dan il-programm hu ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Policy u l-Implimentazzjoni tal-Programmi (PDPID) hu nkarigat bħala Korp Intermedjarju respnsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm FEAD f'Malta. Din il-ħidma ssir b'kollaborazzjoni sħiħa mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, id-Diviżjoni tal-Income Support u Compliance, u l-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS).

Il-benefiċjarji huma familji li jirċievu benefiċċji mhux kontributorji u li jgħaddu mit-test tal-mezzi u li għandhom 2 itfal jew iktar taħt l-età ta' sittax-il (16) sena; familji li għandhom 2 itfal jew iktar taħt l-età ta' sittax-il (16) sena u li għandhom dħul ta' inqas minn 80% tal-paga, minima nazzjonali; familji li għandhom 2 itfal jew iktar taħt l-età ta' sittax-il (16) sena u li għandhom dħul li ma jaqbiżx il-paga minima nazzjonali; u familji li jirċievu pensjoni tal-età mhux kontributorja. It-tħaddim tal-programm jirrekjedi ħidma intensiva matul is-sena kollha sabiex jitqassmu madwar 3,000 kaxxa tal-ikel matul kull distribuzzjoni lill-benefiċjarji. It-tqassim tal-ikel isir tliet darbiet fis-sena minn madwar 17-il ċentru mifruxa madwar Malta u Għawdex.

Il-PDPID, kif ukoll l-FSWS, jattendu diversi laqgħat fuq livell Ewropew fejn jiġu diskussi żviluppi ġodda fil-programm, kif ukoll isiru kuntatti importanti bil-għan li jintstabu l-aħjar prattiċi.

Riċentament, saru numru addizjonali ta' laqgħat sabiex jiġu implimentati miżuri immedjati minħabba l-kriżi ekonomika li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19 fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, aktar kmieni din is-sena, delegazzjoni Maltija magħmula minn rappreżentanti tal-Ministeru kif ukoll tal-FSWS, għamlet żjara ta' studju fil-Greċja sabiex tosserva mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programm FEAD f'dan il-pajjiż.

Minbarra din l-għajnuna, l-FSWS tgħin lill-benefiċjarji permezz ta' miżuri ta' appoġġ soċjali skond il-bżonnijiet speċifiċi ta' dik il-familja partikolari. L-għajnuna permezz tal-programm FEAD tikkumplimenta wkoll id-diversi miżuri u inizjattivi li jħaddem dan il-Ministeru bil-għan li jassisti lill-familji kollha, b'mod partikolari lil dawk l-aktar fil-bżonn.




*Ritratt: FSWS*




*Ritratt: DOI - Omar Camilleri*

# Ftehim ta' kollaborazzjoni bejn tliet Ministeri

**Ruth Sciberras**
Kap Eżekuttiv,
Aġenzija Sapport

Esperti u professjonisti li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, flimkien mal-ġenituri ta' tfal b'diżabilità, kollha jaqblu li aktar ma dawn it-tfal jintlaħqu u jibdew jirċievu s-servizzi neċessarji minn kmieni, aktar ikun ta' benefiċċju għalihom.

Is-servizzi soċjali, edukattivi u mediċi disponibbli għal dawn it-tfal f'Malta huma sostanzjali. Madankollu xorta tinħass il-ħtieġa li l-familjari jkollhom aċċess għal dawn is-servizzi b'mod aktar ħolistiku.

Għaldaqstant fil-ġimgħat li għaddew tnieda ftehim bejn il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, u l-Ministeru tas-Saħħa.

Dan il-ftehim iġib flimkien diversi servizzi fi ħdan dawn il-Ministeri u permezz ta' kumitat inter-ministerjali qed jiġu analizzati dawn is-servizzi waqt li titfassal strateġija dwar kif tista' titjieb il-kollaborazzjoni fl-operat ta' bejniethom li ssarraf f'servizz ħolistiku lit-tfal u l-ġenituri tagħhom.

Din l-istrateġija tassigura screening tat-tfal sabiex mit-twelid sal-età ta' 16-il sena, jiġu identifikati u jingħarfu diffikultajiet, kemm fl-iżvilupp fiżiku, kif ukoll dak intellettwali u jittieħdu l-passi preventivi kollha li jkun hemm bżonn għall-aħjar żvilupp tagħhom.

Is-servizzi inklużi f'din il-miżura jiġbru dawk is-servizzi tas-saħħa mogħtija lit-tfal sa mit-twelid fl-isptar għal dawk mogħtija lilhom matul is-snin, anke f'kuntest ta' skejjel tal-istat u tal-knisja, kif ukoll il-proġett 'Lenti' mmexxi mill-Ministeru tal-Edukazzjoni.

It-tfal ser ikunu qed jibbenefikaw minn servizzi ta' assessjar u riferti lejn is-servizzi mhux biss mediċi, iżda wkoll fil-qasam edukattiv kif ukoll dak soċjali. L-Aġenzija Sapport li qed tmexxi dan il-kumitat inter-ministerjali, ser tkun f'pożizzjoni sabiex tilħaq b'mod aħjar lil dawk il-ġenituri fil-mumenti diffiċli meta tingħata l-aħbar ta' dijanjożi ta' diżabilità fit-tfal tagħhom.

Il-pass li jmiss ikun dak li ladarba titfassal l-istrateġija proposta minn dawn l-esperti, din titnieda għal konsultazzjoni pubblika. Dan jagħti lok sabiex l-entitajiet rispettivi jkunu f'pożizzjoni aħjar li mhux biss jindirizzaw il-bżonnijiet ta' dawn il-familji iżda jużaw dik l-informazzjoni għal pjanar ta' servizzi li tfal jistgħu jiġu bżonn aktar 'il quddiem meta jikbru.

Matul dan il-proċess qed ikun assigurat ukoll li l-istrateġija li ser tiġi proposta, tkun konformi mal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs kif ukoll mal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Dan il-proġett hu l-implimentazzjoni ta' proposta tal-manifest elettorali.

AĠENZIJA SAPPORT



# Intervista ma' Dr Josianne Cutajar

## Kap Eżekuttiv SVP

### IL-PROĠETT TAL-ESTENSJONI SVP

- Parti mill-iżvilupp jinkludi fih parkeġġ ġdid ta' 'l fuq minn 300 karozza
- L-erba' blokki huma mqassmin b'sittax-il sala li b'kollox joffru 504 sodda
- Il-proġett sar bl-għan biex jilqa' l-isfidi ta' issa u għall-ħmistax-il sena li ġejjin
- Servizzi ġodda jinkludu hydrotherapy pool, gym, servizz ta' hair dresser u beauty salon
- Tobba, speċjalisti, infermiera, carers u ħaddiema anċillari żdiedu minn 1,800 għal 2,100

**Tonio Bonello**
Editur Media u Corporate Communications Manager

**Minn żmien għal żmien ir-residenza San Vinċenz De Paule esperjenzat tkabbir fiżiku bl-għan li tkun tista' takkomoda aktar anzjani bħala residenti. Tkellimt dwar dan ma' Dr Josianne Cutajar, il-Kap Eżekuttiv ta' SVP u tlabtha telenka dwar dawn l-estensjonijiet, f'liema epoki saru, u kif il-popolazzjoni tar-residenti baqgħet tiżdied maż-żmien?**

Ir-residenza San Vinċenz inbniet 126 sena ilu, fi żmien l-Ingliżi. Il-binja oriġinali kienet ta' 1000 sodda. Estensjonijiet ma saru qatt però dejjem żied l-iffullar fis-swali tant li sal-2013 fir-residenza kien hemm żmenijiet fejn is-soddod żdiedu sa 1300. Fil-verità jfisser 300 sodda iktar milli l-binja vera takkomoda. Apparti li l-iffullar huwa ta' detriment, kemm għar-resident kif ukoll għall-operat, il-lista ta' stennija fid-djar tal-anzjani kienet dejjem qed tiżdied u kien għalhekk li din l-amministrazzjoni bdiet taħseb kif setgħet issir estensjoni.

**X'jagħmel daqstant differenti li anzjan/a tgħix fir-residenza SVP milli kieku fi kwalunkwe Dar tal-Anzjani oħra?**

L-entità ta' SVP hija ddedikata biex tgħati kura lill-anzjani ta' dipendenza għolja u li jkollhom kundizzjonijiet mediċi tant li l-anzjan jirrikjedi attenzjoni medika mit-tobba u l-infermiera ta' kuljum. Dan il-livell ta' dipendenza jirrekjedi kura li tingħata kważi f'instituzzjoni ta' livell ta' sptar.

L-anzjani ta' dan il-livell ta' dipendenza ma jistgħux jiġu kkurati fl-ebda residenza oħra għax f'SVP biss hemm it-tim multi-dixxiplinarju li jinkludi konsulenti, speċjalisti, tobba, occupational therapists, physiotherapy, speech, podiatrist u aktar li jipprovdu s-servizz tagħhom kuljum lir-residenti.

Dawn huma anzjani li sa ftit żmien ilu kienu jispiċċaw fil-kuritur tal-isptar Mater Dei għaliex il-kundizzjoni ta' saħħithom kienet tant fraġli li ma setgħux jirritornaw lura fid-djar tagħhom jew fir-residenzi tal-komunità.

Wara li sar l-eżerċizzju fejn SVP għadda minn proċess ta' renovar u tkabbir tas-servizzi tiegħu b'investiment ta' miljuni ta' euro, issa jinsab fi stat li jgħati din il-kura lil dawn l-anzjani.

**Sa mill-oriġini tiegħu, SVP kien jilqa' dejjem u biss anzjani Maltin, jew hu miftuħ għall-anzjani li ġejjin mill-gżira Għawdxija wkoll?**

SVP toffri servizz għaċ-ċittadini kollha li huma intitolati għall-kura bla ħlas skont is-sistema tas-saħħa f'Malta. Għalkemm is-servizz hu miftuħ għall-Għawdxin ukoll però l-Għawdxin għandhom servizz simili provdut f'sala ġewwa l-isptar ġenerali t'Għawdex stess.

**Illum li Malta hi membru sieħeb fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, SVP hu dispost li jilqa' fih persuni ġejjin minn dawn il-pajjiżi? Jekk fil-pożittiv, dawn jinħtieġu xi kriterji biex jagħmlu dan?**

Min hu resident permanenti f'Malta u ġej minn pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea għandu l-istess drittijiet bħal kull ċittadin ieħor Malti. Għandna xi każijiet ukoll ta' residenti li oriġinaw minn pajjiżi li mhumiex membri fl-Unjoni Ewropea li fuq bażi umanitarja SVP ukoll laqagħhom fi ħdanu.

**L-aħħar tkabbir fl-istruttura ħolistika ta' SVP sar proprju matul din is-sena b'investiment ta' aktar minn €250 miljun. Meta saret il-pjanta ta' dan, kien maħsub biex il-binjiet il-ġodda jkunu estetikament kumplimentari għal dawk diġà eżistenti?**

L-pjanti tal-estenzjoni l-ġdida għaddew mill-iskrutinju tal-Awtorità tal-Ippjanar u s-Supretendent tal-Beni Kulturali sabiex id-disinn ikun jikkumplementa l-istil arkitettoniku tal-binja oriġinali.

Binja li nbniet fl-era militari Ingliża u kien biss meta dan il-livell ta' stil intlaħaq li nħarġu l-permessi. Il-proġett sar fuq l-iskeda ta' Public Private Partnership fejn l-investiment kapitali sar kollu mill-privat fuq l-art tal-Gvern. B'hekk l-assi kollha, kemm mobbli u immobbli issa huma proprjetà tal-poplu Malti. Il-€295 miljun mhumiex l-investiment fuq dawn il-blokok, huma x-xiri tas-servizz u m'għandux x'jaqsam ma' assi.

**Il-fatt li l-estensjoni l-ġdida llum tokkupa mas-16,500 metru kwadru ta' art, dan xorta waħda jħalli aċċess biżżejjed għar-residenti biex jistgħu jmorru jimxu jew forsi jipprattikaw xi sport jew delizzju fil-madwar?**

Min qatt ġie ġewwa SVP huwa konxju kif il-bini hu mifrux fuq medda kbira ta' art. Tant li hemm ħafna spazji arjużi mad-dawra tal-bini u anke qalb il-blokok tas-swali. L-istess fl-estensjoni l-ġdida. Il-pjanti saru b'tali mod li l-ispazji tal-madwar ġew imsebbħa b'siġar, bankijiet u zoni pedonali biex jitgawdew mir-residenti u l-familjari tagħhom.

**Il-binjiet il-ġodda li bejniethom għandhom kapaċità li jilqgħu fihom 490 resident, dawn huma intenzjonati biex jilqgħu għad-domanda attwali ta' dawk l-anzjani li jixtiequ jidħlu fir-residenza, jew huma maħsuba biex iservu għad-domanda li se tkun qed tiżdied fis-snin li ġejjin?**

L-erba' blokok huma mqassmin b'sittax-il sala li b'kollox joffru 504 sodod. Bħala parti min SVP dawn huma sodod intenzjonati speċifikament għall-anzjani ta' dipendenza għolja kif deskritti fil-bidu ta' din l-intervista, iżda wkoll bi 30 fil-mija speċjalizzati biex jagħtu kura lill-anzjani bid-dimensja akuta u li jkollom sfidi kbar fl-imġiba tagħhom. Dawk li jissejħu wanderors.

L-iżvilupp sar wara studji li saru bejn l-2013 u l-2015 fejn ipproġettaw iż-żieda li kien hemm bżonn issir biex tilqa' l-isfidi ta' issa u għal ħmistax-il sena li ġejjin. B'hekk dan l-iżvilupp ħaseb biex jindirizza għal numri li dejjem jiżdiedu ta' anzjani, imma b'mod speċjali dawk li jirrekjedu kura fl-ogħla livell ta' dipendenza u mard ikkumplikat.

**Tista' tikkwantifika b'kemm se jkunu qed jiżdiedu r-riżorsi umani bħal infermiera, tobba u speċjalisti**

*Ikompli fil-paġna li ġejja*





## biex issa se jkunu qed ilaħħqu ma' din iż-żieda fin-numru ta' anzjani?

Iż-żieda fis-sodod bilfors tirrikjedi żieda fir-riżorsi umani. Fil-fatt b'mod ħolistiku, jiġifieri iż-żieda ta' tobba, speċjalisti, infermiera, carers u ħaddiema anċillari, dan tela' minn 1,800 għal 2,100.

## X'faċilitajiet insibu, kemm ta' kura ta' saħħa, medika u forsi anke soċjali u/jew rikreattivi permezz ta' dan il-proġett u li qabel ma kienux eżistenti għar-residenti anzjani?

Filwaqt li s-swali huma kollha mgħammra bl-aħħar teknoloġija fejn tidħol kura għall-anzjani ta' dipendenza għolja bħal apparat mediku, sistema ta' ventilazzjoni, ambjent dementia friendly, u oħrajn, dan il-proġett inkluda ukoll żieda f'servizzi għar-residenti kollha ta' SVP, kemm dawk li jkunu fis-swali l-ġodda, kif ukoll dawk fis-swali eżistenti.

Fost is-servizzi speċjalizzati li żdiedu hemm hydrotherapy pool u gym li minnu tingħata l-kura mill-Physiotherapists u l-Occupational Therapists. Huwa maħsub li dawn is-servizzi se jkunu ukoll provduti lill-anzjani fil-komunità u mhux biss lir-residenti. L-estensjoni tinkludi wkoll kappella, sala għal attivitajiet bħal ċentru ta' matul il-jum, ġonna, servizz ta' hair dresser u beauty salon.

## Għaliex temmen li l-pubbliku llum, lejlet l-2021 se jkun qed jiġi moqdi aħjar meta se jkun qed iżur ir-residenti anzjani, anke permezz ta' dan il-proġett ġdid?

Apparti li ż-żieda fis-sodod se tkun qed tgħin lill-familji tal-anzjani minħabba fl-istat ta' saħħa li jisfaw fiha u li ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħixu fil-komunità, SVP ukoll ħaseb sabiex jiffaċilita ż-żjarat tal-familjari. Fil-fatt parti ukoll mill-iżvilupp kien jinkludi parkeġġ ġdid ta' 'l fuq min 300 karozza.

## F'dik li hi l-kapaċità tal-lokazzjoni tar-residenza tal-madwar SVP, taħseb li din l-aħħar espansjoni fiżika laħqet il-massimu ta' dak li tiflaħ l-istess zona jew tara li hemm lok ta' aktar binjiet u tkabbir 'il quddiem meta meħtieġ?

SVP fil-verità jestendi ħafna iżjed mill-bini eżistenti inkluż l-estensjoni. Għalkemm l-estensjoni hi maħsuba biex tindirizza d-domanda għaż-żmien li ġej, wieħed ma jeskludiex li dawn jistgħu jiġu ikkunsidrati.

Dawn l-iżviluppi mhux neċċessarjament jistgħu jkunu swali ġodda imma jistgħu jkunu wkoll faċilitajiet li joffru iżjed ħajja ta' kwalità u anzjanità attiva lir-residenti. Kull żvilupp irrid dejjem iħares il-liġijiet u jirrispetta lill-ambjent tal-madwar.






# Presepji Maltin u Għawdxin esibiti fl-Amerika

**Tonio Bonello**
Ġurnalist

Il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali permezz tad-Direttorat tal-Kultura, matul din is-sena kien f'negozjati mal-mużew ta' fama internazzjonali 'Museum of the Bible' f'Washington DC fejn sar arranġament biex numru ta' presepji Maltin u Għawdxin ikunu jistgħu jiġu esibiti fih.

F'nofs Lulju li għadda fetħet sejħa għal dawk interessati li għalqet f'nofs Settembru.

F'kelmtejn il-Ministru Herrera spjega kif permezz ta' din il-wirja se nkunu qed nagħtu, ninkoraġixxu u niftħu din it-tradizzjoni  lill-artisti u presepisti Maltin u Għawdxin biex ix-xogħol u tradizzjonijiet Maltin ikunu iktar rikonnoxxuti madwar id-dinja f'dan il-qasam ta' turiżmu reliġjuż.

Il-livell għoli tal-presepji mressqa għal din il-kompetizzjoni jixhed id-dedikazzjoni u l-ħila artiġjanali tal-presepisti Maltin u Għawdxin. Ġurija esperta għażlet il-presepji li għandhom jiġu mibgħuta Washington D.C. Il-presepji joffru tematika varjata ħafna, b'xi wħud jinkorporaw il-pajsaġġ Malti bħala parti mill-istruttura tagħhom. Hemm presepisti li anke żejnu l-presepju tagħhom b'pasturi oriġinali.

Il-presepji għamlu l-vjaġġ tagħhom lejn Washington fil-ħin biex il-wirja setgħet tinfetaħ fil-'Museum of the Bible' fil-ġranet ta' qabel it-tifkira Amerikana ta' Thanksgiving li din is-sena kienet imfakkra fis-26 ta' Novembru.

Il-presepji Maltin ser jibqgħu għall-wiri f'Washington sa Marzu 2021. Ta' min jgħid li dan il-mużew kien infetaħ f'Novembru 2017 u fih joffri mal-1,150 esibit permanenti u mal-2,000 esibit ieħor mislufa li kollha jirrakkontaw in-narrattiva u l-impatt tal-Bibbja.

# Iċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva

**Cynthia Formosa**
Senior Manager
Active aging Unit

Iċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva huma post fejn l-anzjani jiltaqgħu flimkien, speċjalment biex isibu kumpanija u jqattgħu ftit tal-ħin flimkien. F'dawn iċ-ċentri jkun hemm programm varjat ta' attivitajiet, fosthom taħdidiet interessanti dwar is-saħħa, is-sigurtà u tagħlim ieħor ta' interess għall-anzjani.

Fost oħrajn saru taħdidiet mill-pulizija dwar is-sigurtà fit-toroq u dwar is-sigurtà fid-dar. Kien hemm mistiedna mill-WasteServ, mid-Dipartiment tal-Kura Primarja tas-Saħħa, kif ukoll kelliema mill-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Kommunità fejn spjegaw dwar is-servizzi offruti għall-anzjani, dwar id-dimensja u dwar kif wieħed jieħu ħsieb saħħtu u jibqa' attiv.



Saru ukoll diversi workshops dwar tisjir bnin u addattat għal ċertu kundizzjonijiet ma' Chef Anton Dougal fejn l-anzjani kellhom l-opportunità li jiddiskutu metodi differenti ta' tisjir waqt li jaraw fil-prattika.

Ikun hemm opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja fejn ikun hemm persuni apposta li joffru programmi ta' tagħlim bħal xogħol tal-idejn, line dancing, sessjonijiet ta' eżerċizzju fiżiku, Tai Chi u ħafna oħrajn.

Dawn jiġu organizzati skond id-domanda tal-membri stess. Permezz ta' dawn is-sessjonijiet kellna anzjani li għenu il-Breast Cancer Foundation billi għamlu breast prostheses



temporanji maħduma bl-idejn. Oħrajn ipparteċipaw f'workshops ma' Tai Chi Master u ħafna anzjani li ferħu lill-ħaddieħor b'xogħol tal-idejn maħdum b'dedikazzjoni u kapaċità.

L-impjegati taċ-ċentri ukoll jorganizzaw diversi logħob u attivitajiet mal-anzjani biex il-membri jibqgħu attivi mentalment u fiżikament, u daħka flimkien ma tonqosx. Dawn il-laqgħat ivarjaw minn diskussjonijiet, attivitajiet bil-mużika, sessjonijiet ta' tisjir, tħawwil u kura ta' pjanti, sessjonijiet ta' qari, u logħob, li dan, barra li jgħin biex persuna tissoċjalizza, ħafna drabi jlissen tbissima fuq wiċċ il-parteċipanti. Dawn ivarjaw minn ċentru għall-ieħor skont il-programm imfassal mill-impjegati u l-interessi tal-membri.

Nixtiequ ħafna li naraw iktar parteċipazzjoni attiva tal-anzjani billi jużaw it-talenti tagħhom u jibdew jorganizzaw attivitajiet huma stess lill-anzjani l-oħra bl-għajnuna tal-impjegati. Pereżempju billi jitkellmu fuq suġġett għal qalbhom, juru xi riċetta interessanti, jew juru kif tagħmel xi tip ta' craft. Nafu li



l-anzjani huma minjiera ta' riżorsi u nixtiequ noffrulhom l-opportunità li jaqsmu l-abbiltajiet tagħhom mal-oħrajn.

Mill-inqas darba fix-xahar ikun hemm ħruġ għall-membri. Qed ninkoraġġixxu wkoll li jiġu organizzati aktar spiss ħruġ kulturali biex l-anzjani jkollhom l-opportunità li jgawdu l-wirt kulturali Malti.





Iċ-ċentri huma wkoll post fejn ninvolvu l-membri f'diversi opportunitajiet ma' entitajiet differenti, speċjalment fejn jidħlu programmi artistiċi u programmi ta' tagħlim bħal programmi ta' informazzjoni teknoloġika.

Aktar kmieni din is-sena pparteċipajna fil-Community Project Mahler's Sixth ikkoordinat mill-Valletta Cultural Agency u l-Orkestra Nazzjonali fejn l-anzjani pparteċipaw ma' artisti lokali u barranin biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jikkreaw mużika flimkien.



Fiċ-ċentri ninkoraġġixxu wkoll sessjonijiet ma' tfal u żgħażagħ biex inħajru l-ġenerazzjonijiet opposti jaqsmu l-ideat u l-abbiltajiet tagħhom flimkien u jgħinu lil xulxin.

Xi wħud jaħsbu li ċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva huma post fejn tintlagħab it-tombla biss.

Fil-verità qed naħdmu bis-sħiħ biex filwaqt li nikkuntentaw dawk li jħobbu jilagħbu t-tombla noffru opportunitajiet ukoll lil dawk li t-tombla ma tinteressahomx.

Infatti ikun hemm ġranet iddedikati biss għal attivitajiet u li fihom ma ssirx tombla. It-Taqsima għall-Anzjanità Attiva qed taħdem ukoll ma' diversi Kunsilli Lokali biex inħeġġu kollaborazzjoni u noffru iktar opportunitajiet viċin l-anzjan.

Min jinteressah jikseb aktar informazzjoni dwar iċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva jista' jidħol fuq is-sit elettroniku; https://activeageing.gov.mt/Elderly-and-Community%20Care-Services-Information/Documents/INF%20-%20ActiveAgeingCentresMT.pdf jew iċempel fuq in-numru telefoniku 2278 8832 u jkellem lil rappreżentant tat-Taqsima Anzjanità Attiva.



# What are the EU Social Security Coordination rules ...

## and how do these apply to me?

**Karen Farrugia**
Manager II (Research)
International Affairs



In this series of Articles, we will provide more specific information on each benefit covered by the EU coordination rules. Whilst, the previous article outlined the provisions for pensions, this article will provide more information on family benefits.

Family benefits are provided under the legislation of all Member States although they vary from one state to another. Despite these differences, the eligibility for family benefits usually depends on the **economic status** and **place of residence**, irrespective of the nationality of the family members.

### Entire family living in one Member State

If the entire family lives in the same Member State, they qualify to the rights enshrined under the legislation of that state. In other words, they are entitled to the same amount of benefits as nationals.

If the entire family is living in Malta, the following is the list of Family Benefits provided under the Maltese scheme:

- Child Allowance
- Benefit for Disabled Children
- Foster Care Allowance
- In-Work Benefit

In the event of a posted worker who was sent to work in another country for less than 2 years, the home country remains competent for social security coverage during the period of posting. Consequently, the same member state is responsible to pay the family benefits.

### Family members living in different Member States:

The EU Coordination rules provide for priority rules to determine which country takes primary and secondary competence for paying the benefits. The order of priority is the following:

1. The country of employment/ self-employment
2. The country paying the pension
3. The country of residence

When determining competence, each Member State is guided by these criteria. The state which is determined as primarily competent pays the full rate of benefits as applicable to nationals, whilst the state determined as secondarily competent pays the difference between the rate payable under its scheme and the rate payable by the state of primary competence.

In the event where both states are competent for paying the benefits, the state where the children reside takes priority.

### Family benefits for unemployed persons

Unemployed persons and their family members are entitled to family benefits according to the legislation of the state paying the unemployment benefits.
If the family members reside in a different member state, the priority rules shall apply.

### Family benefits for pensioners

Usually pensioners receive family benefits from the state which pays the pension. In case of entitlement to more than one pension, special rules apply.

**For more information, you may visit the Europa Website on: https://europa.eu/youreurope/citizens/work/unemployment-and-benefits/family benefits/indexamp_en.htm**



# Nies li jħossuhom waħidhom

**Vince Tonna**
Social Worker

Waqt ix-xogħol volontarju li jiena nwettaq, niltaqa' ma' bosta nies li jgħiduli li qed iħossuhom waħidhom, iżolati, jgħixu fis-solitudni għal ħafna ħin matul il-ġurnata. Tajjeb li nsemmu li ħafna nies, inkluż uħud minna, inħossuna xi drabi f'ħajjitna waħidna.

Skont stħarriġ reċenti li sar f'pajjiżna nstab li persuna minn kull 4 tħossha waħidha u l-iktar nies li huma suxxettibbli li jħossuhom waħidhom huma proprju ż-żgħażagħ, kif ukoll l-anzjani.

## Persuni jistgħu jispiċċaw iħossuhom waħidhom speċjalment:

(a) Jekk il-persuna għaddiet minn esperjenza ta' separazzjoni;
(b) Persuna li kienet kostretta li tmur tgħix f'post ieħor bħal f'xi Dar Residenzjali jew il-ħbieb tagħha daħlu f'xi Dar tal-Anzjani jew l-Isptar;
(c) Persuna li titlef xi persuna oħra għażiż tagħha, jew anke xi pet għażiż tagħha;
(d) Persuna li rtirat mix-xogħol u tħossha waħidha. Statistika tindika li 25% ta' persuni bejn 65 u 69 sena jwaħħlu li huma f'din il-kundizzjoni minħabba li rtiraw mix-xogħol.

Sfortunatament, iż-żmien li qed ngħixu fih bħalissa minħabba fil-pandemija tal-Covid-19, dan ukoll mhux qed jgħin wisq lil min qed iħossu waħdu, speċjalment min hu vulnerabbli! Il-mistoqsija li rrid nistaqsi lil qarrejja tagħna hi din: "X'nistgħu nagħmlu aħna biex ma nħossuniex waħidna?" Qabel xejn, niftakru li hija l-għażla tagħna lkoll sabiex nerġgħu ngħixu kuntenti.

## Fost xi suġġerimenti li nixtieq nelenka huma:

(a) Filwaqt li nkunu fiż-żmien ta' solitudni, nippruvaw inkomplu niżviluppaw it-talenti/ħiliet tagħna.
(b) Nippruvaw ukoll nagħmlu kuntatt man-nies sabiex inwessgħu iċ-ċirku tal-ħbieb tagħna, anke permezz ta' telefonata. Skont il-poetessa Willa Sibert Cather, hija tgħid li dawk li jgħixu waħidhom biss jifhmu kemm hu kbir il-ferħ li ġġib magħha l-ħbiberija;
(c) Ninvolvu ruħna f'xogħol volontarju. Hemm xogħol volontarju li jista' wkoll jitwettaq mid-dar tagħna. Kull ġurnata fiha 86,400 sekonda. Ejjew nippruvaw, qabel xejn, nirringrazzjaw lil Mulej (forsi billi mmorru nisimgħu quddiesa) u nsibu ħin ukoll li ngħinu lill-proxxmu tagħna b'servizz volontarju mogħti liberament u mhux bħala dmir professjonali. Servizz mingħajr ħlas u offrut b'regolarità.

Madankollu, nirrakkomanda lil dawk in-nies li ma jistgħux jegħlbu din il-problema serja biex ifittxu u jitolbu l-għajnuna minn nies professjonali.

# Intervista ma' Emmanuel Cachia

**Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista

Il-poeta "sensittiv u malajr jitbenġel". Hekk laqagħani meta ltqajna f'kafè l-Belt Valletta fil-bidu ta' din l-intervista. Jikteb poeżiji sbieħ u profondi. Imma jifthemu bla taħbit għax bla tidwir tal-lewża.

Drabi jdaħħkuk, f'oħrajn ibikkuk, u kultant forsi tħossok tidħol daħla fik innifsek ukoll. Dawn huma l-poeżiji ta' Emmanuel Cachia li attwalment jinsab responsabbli mill-uffiċċju tas-Servizzi tal-Informazzjoni tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Cachia hu wkoll il-librar tal-istess Bank.

Mill-ewwel jilqgħek bit-tbissima tiegħu u beda biex jgħid li l-passjoni għal poeżija tmur lura minn meta hu kien għadu żgħir. Emmanuel kien iħobb ħafna l-iskola u għadu sal llum jgħożż iċ-ċertifikati tal-Iskola Primarja tal-Isla. Għalih, it-tliet ingredjenti li nibtu fih il-passjoni għal poeżija kienu l-qari, id-diski Maltin u l-mużika sentimentali Taljana.

Madanakollu, Emmanuel ma jqisx ruħu bħala poeta, imma bniedem li jipprova jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu bil-mod li jiftiehmu minn nies tat-triq. Jistqarr; "Għalija biex tkun poeta trid titbenġel". Emmanuel jiftakar li l-ewwel poeżija kien kitibha għas-santa tal-mewt t'ommu li ġrat fl-1986.

Isostni li hu bniedem sensittiv u jħossu ispirat minn dak li jisma mingħand in-nies ta' madwaru, kif ukoll minn dak li jkun għaddej ġewwa fih stess, speċjalment dawk il-mumenti ta' nuqqas ta' qbil bejn qalbu u moħħu, bejn dak li jixtieq jagħmel u dak li huwa sensibbli li jwettaq fil-mixja dejjiema biex isir jaf lilu nnifsu dejjem aħjar.

Hu jiġi kkmandat mill-muża, kultant f'dawk l-aktar postijiet u ħinijiet strambi. Jemmen li jekk trid tagħmel xi ħaġa l-ħin issibu. Dan anke jekk tkun l-aktar bniedem impenjat tad-dinja, dejjem issib spazju għal dak li verament trid tagħmel.

Dwar l-ambjent ta' madwaru jgħid; "Jiddependi biss jekk iqanqalx xi tempesta bejn moħħi u qalbi jew jitfgħax iż-żejt fuq il-baħar imqalleb. Xi kultant nikteb xi ħaġa wkoll biex indaħħak jew inferraħ ftit nies. Bħala wieħed li nadura l-karattru tas-Sur Gawdenz Bilocca, hekk inħoss li għalija din ukoll hi missjoni."

Emmanuel jikteb kullimkien imma l-isbaħ mument ikun meta jkun quddiem il-baħar tal-Isla, flimkien ma' mużika li tqanqal u tazza kafè sewda. Dwar kif jaqleb minn poeżiji umoristiċi għal dawk malenkoniċi, jtenni; "Bl-istess mod li taqleb għal sorbet tal-lumi wara platt klamari. Wara kollox, x'differenza hemm bejn id-dmugħ tan-niket u dak tal-ferħ? It-tnejn tomgħa ta' melħ fihom! L-istess id-differenza bejn il-mibgħeda u l-imħabba, linja rqiqa ħafna."

### Xita Settembrina

U baqgħet f'ħalqi t-tomgħa.
Ħelwa s-Sangria fuq xofftejk,
U ġewwa żnit xintilla,
Bil-ħars senswali f'għajnejk.

Ilmaħt dak sidrek sabiħ.
Ġmielu, ġmiel in-natura.
Għajnejja waslu sax-xaqq.
Fin-nofs l-iskollatura.

U kliemek daqqli sabiħ.
Fakkar żmien iż-żgħożija.
Meta moda kien in-namur.
F'rokna dlam ta' kull filgħaxija.

U f'ħin qares tbissimt.
Bid-drabi li nifed stallet.
Bla bsart, kemm drabi sofrejt.
X'ħin ħsibt li sibtha l-Ġuljett.

Minn barra f'daqqa l-ħoss.
Li damdam bil-qawwi s-sliem.
U radgħa kollha theżżiż.
Tassew li s-sajf ġie fit-tmiem.

Kemm veru li miegħu spiċċat.
Kull traċċa taż-żgħożija.
Ħarifa, u wara l-ksieħ.
Il-fdal li hemm għalija.

## Kif twieldet il-poeżija Xita Settembrina?

Din hija poeżija li nkitbet b'mod tassew oriġinali. "Kont qed nitkellem ma' ħabiba tiegħi fuq messenger, mara ta' ċertu ġmiel u b'fatizzi Spanjoli. F'daqqa waħda moħħi mar meta kont għadni iżgħar u fiż-żmien in-namur. U kemm jgħaddi malajr minn fuqna ż-żmien. Bl-istess mod li f'ġurnata sabiħa lejn tmien tas-Sajf, f'daqqa jitla' t-temp u sseħħ maltempata bir-ragħad u s-sajjetti waqt xita qliel."

Emmanuel jgħid li għal futur għandu ħafna proġetti. Bħalissa dak li jikteb jippublikah fuq Facebook jew f'xi paġna ta' xi gazzetta tal-Ħadd. Għandu f'moħħu li xi darba, x'imkien fl-Isla, jlaqqa l-qarrejja u fost esebizzjoni tal-arti, mużika fl-isfond u tazza nbid jaqra xi wħud mill-poeżiji tiegħu filwaqt li jfiehem kif nibtu.





# Il-Bandiera Nazzjonali

**George Zammit**
Gwida u lajk

Bandiera magħmula ġeneralment minn drapp u materjal addattat biex f'okkażjonijiet speċifiċi tintrabat m'arblu fl-għoli biex simbolikament tindika sinjali varji jew l-identifikazzjoni ta' xi attività speċjali organizzata minn xi għaqda jew moviment tal-lokal.

L-użu u s-sinjal ta' kull bandiera jmur lura għall-passat remot ħafna u għandu sinifikat speċjali li jgħaqqad u jikkomunika maċ-ċittadini kollha mingħajr differenza ta' xi żona partikolari. Id-dekorazzjoni f'ħafna oqsma ta' kull bandiera huwa differenti wkoll; fil-forma, daqs u kulur biex dawn jiddentifikaw nazzjon, partit, każin, moviment u kull għaqda differenti u essenzjali fil-pajjiż.

Kull bandiera għandha storja twila ħafna li tmur saħansitra kmieni saż-żmien qabel Kristu, mill-Medju Evu, l-era Eġizzjana, Rumana, Griega u dan dejjem għal skopijiet festivi, militari, tribujiet, reliġjonijiet u identifikazzjoni ta' razez differenti.

Fi żminijiet reċenti u aktar moderni bdew jidhru aktar bnadar nazzjonali differenti li permezz tagħhom ikunu definiti stati, nazzjonijiet u popli differenti bejn fruntiera u oħra. Maż-żmien l-użu tal-bandiera evolva b'pass mgħaġġel, anke f'pajjiżna stess f'nofs il-Mediterran li hi l-pont li jgħaqqad bejn iż-żewġ kontinenti, jiġifieri l-Ewropa u l-Afrika.

F'pajjiżna f'kull avveniment nazzjonali, attivitajiet reliġjużi u sportivi, ġranet ta' festi popolari Maltin, il-bandiera Maltija tittella fl-għoli biex isservi bħala sinifikat ta' komunikazzjoni u tfakkarna u tgħarrafna biex nibqgħu poplu wieħed magħqud dejjem u f'kull żmien.

F'ċerti okkażjonijiet, fuq il-palazzi, fl-uffiċini pubbliċi kollha u każini, il-bandiera nazzjonali tittajjar ma' nofs l-arblu bħala sinjal ta' luttu għall-vittmi tal-gwerra, għall-familji tagħhom u għall-komunitajiet l-aktar milquta bħala sinjal ta' solidarjetà.

Il-bandiera nazzjonali tagħna hija komposta f'żewġ partijiet. Tikkonsisti f'żewġ strixxi vertikali ndaqs ta' daqs ugwali, l-abjad mal-arblu u l-aħmar man-naħa ta' barra. Insibu wkoll rappreżentazzjoni tal-George Cross, mogħti lil Maltin mill-Maestà tiegħu r-Re George VI fil-15 ta' April 1942.

Din l-emblema tinsab imdawra b'linja ħamra fir-rokna fuq l-istrixxa l-bajda. Midalja mogħtija għall-atti mill-aktar kuraġġużi murija minn missirijietna f'ċirkustanzi ta' perikli estremi matul it-tieni gwerra dinjija.

L-imħabba lejn il-bandiera Maltija għandha tkun waħda konkreta, bl-eżempji u bil-fatti billi tiġi espressa meta nagħmlu l-ġid u mhux ħsara fl-ambjenti kollha ta' madwarna. Kull min jgħid li jħobb din il-bandiera Maltija bajda u ħamra u ma jħobbx lil ħuh mhuwiex ċittadin onest.

Fl-isfond tal-bandiera Maltija m'għandux ikun hemm dik l-indifferenza moħbija, li nħobb lill-pajjiżi, iżda li mbagħad ma nħobbx lill-proxxmu. Dak li nagħmlu flimkien matul dan il-vjaġġ qasir tagħna fuq din l-art bħala ċittadini Maltin irid ikun jixbaħ dak l-istess li jagħmel Alla magħna.

**"Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu".**

L-imħabba lejn il-bandiera tagħna trid tkun sinċiera u ta' kuljum, il-ħin kollu u f'kull żmien. Irridu nħarsu lejn il-bandiera Nazzjonali b'ottimiżmu, b'rispett, b'kuraġġ u mingħajr sentimenti ta' mibegħda, għira, pika, vendetta jew tpattija. Bil-kontra, billi nħobbu lill-proxxmu mingħajr ebda sens ta' differenzi, ta' kuluri, mingħajr ma nħarsu lejn uċuħ.

L-abjad u l-aħmar għandhom ifakkruna fl-imħabba fraterna ta' bejnietna billi nesprimu ruħna lejn xulxin b'atti li jħallu l-ġid fost kulħadd, b'mod speċjali lejn ħutna l-morda u dawk li jinsabu fil-bżonn.

Ċittadin onest irid iħobb u jirrispetta l-bandiera nazzjonali bl-istess mod kif niċċelebraw kull sena fl-10 ta' Frar il-festa tal-konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl, meta ġie magħruf lilna min hu Alla. Dan biex tikber il-fidi fil-familji tagħna u fl-ambjenti kollha tagħna fejn niltaqgħu u fejn ngħixu.

Jekk irridu li din il-bandiera tkompli titgawda fis-sens ġenwin tagħha mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin u nħalluha tperper fuq il-bjut Maltin, qabel xejn irridu lkoll immorru għax-xogħol u naħdmu bil-qalb u mhux bil-fors jew għall-qliegħ esaġerat.

Irridu nammettu li xi darba kulħadd jiżbalja. Meta jiġri dan jeħtieġ nitolbu maħfra ta' kemm il-darba nqasna. Ta' kemm il-darba l-argumenti ta' bejnietna ma' ġewx riżolti fi spirtu ta' ftehim jew b'mod ċivilizzat. Ta' kemm il-darba ma' kkoperajnix biex il-paċi u l-istabbiltà jkomplu jikbru fuq il-postijiet tax-xogħol kollha tagħna.

Kemm hi ħaġa sabiha li nifhmu lil xulxin, li naħdmu u niddjalogaw flimkien, li nkunu magħqudin u impenjati għall-ordni f'pajjizna biex din l-imħabba ittejjeb ir-relazzjonijiet pożittivi ta' bejnietna u tħalli dak l-frott ta' għaqda u paċi fil-familji tagħna.

Qatt tagħmel ħsara bil-fomm lill-għażiża Malta, art twelidna speċjalment mat-turisti jew meta nkunu fuq btala. Idejk dejjem iridu jkunu lesti fl-opri tajba, b'imħabba għall-oħrajn. Għandu jkollna fomm li jipprovdi għajnuna fi spirtu ta' karità, ta' ħbiberija u koperazzjoni.

Permezz tal-bandiera Nazzjonali tagħna, aħna lkoll flimkien kapaċi nimxu t-toroq kollha u nirbħu lid-dinja bl-isfidi li jiġu fuqna. Dinja fejn kultant il-mentalità tagħha hi li ma tħallikx tħobb, li nkunu nies indifferenti u ċittadini li naħslu jdejna mill-problemi ta' kuljum.

Inżommu l-bandiera bajda u ħamra f'idejna l-ħin kollu u f'kull ostakolu biex nitgħallmu dawk il-veritajiet, iċ-ċertezzi, il-virtujiet insara u dawk il-kariżmi li aħna tgħallimna minn missirijietna u ommijietna f'kull żmien diffiċli li għaddew f'ħajjithom. B'hekk insibu soluzzjoni għall kull ostakolu fil-ħajja.



F'kull ċirkustanza, f'kull żmien, ferħ jew tbatija, ejjew ningħaqdu bħala familja waħda Maltija, poplu ċivilizzat u b'għajta kbira mimlija kuraġġ, waqt li ntellgħu din il-bandiera tagħna wisq sabiħa bajda u ħamra madwar l-bliet u l-irħula pittoreski tagħna, flimkien inlissnu:

**"Viva Malta"**



# L-istorja tal-Ħobża Maltija

*ikompli mal-edizzjoni ta' Awwissu*

**Doris Zammit**
Xandara veterana

Fl-aħħar snin għalqu għadd ta' fran tradizzjonali, tant li f'ċerti lokalitajiet lanqas fadal forn wieħed. Dan iżda ma jfissirx li naqset id-domanda għall-ħobża Maltija.

Għalkemm il-fran tradizzjonali fl-irħula naqsu minħabba l-kompetizzjoni minn kumpaniji bi fran industrijali, il-fran tradizzjonali għadhom imfittxa sew. Il-Maltin jidher li għadhom ifittxuha l-ħobża tradizzjonali Maltija, li l-ħami tagħha fil-forn tradizzjonali jagħti tomgħa distintiva.

Dqiq, ilma, melħ, ħmira u tinsila huma l-ingredjenti li magħġuna flimkien jagħmlu l-ħobża Maltija. Is-sigriet għall-ħobż tal-Malti tajjeb hu forn tal-ħatab u fuq kollox il-ħin.

"L-ewwel titlaq l-għaġna, imbagħad tħalliha tistrieħ – tħalliha qisu sagħtejn u nofs. Wara sagħtejn u nofs taqbad tqatta' u wara siegħa qisek taqbad idaħħal fil-forn," jispjega Karmenu  Debono. "Imbagħad għandek siegħa oħra fil-forn."

L-istoriku, il-Professur Carmel Cassar, jispjega li l-ħobż hu l-bażi tal-ikel fil-Mediterran. Jgħid  li l-istorja tindika li sakemm Malta kienet parti mir-Renju ta' Sqallija, il-Maltin kienu jieħdu l-qamħ mingħajr dazju. Din il-prassi nqatgħet meta ġew l-Ingliżi.

"Bdew iġibu l-qmuħ tal-kwalità tajba mill-Ukrajna, mill-Black Sea – u biex tmur hemmhekk trid tgħaddi mid-Dardanelli, illum it-Turkija. Qamħ iżjed inferjuri kien jiġi mill-Eġittu," ikompli jgħid il-Professur Cassar.

Il-Professur Cassar jirrimarka li l-maġġoranza tal-Maltin kien imisshom il-qamħ li kien jiġi mill-Eġittu. Dan baqa' jseħħ sakemm faqqgħet l-ewwel gwerra dinjija u l-Ingliżi ma setgħux iġibu l-qamħ mill-Ukrajna.

Huwa jkompli jgħid li dan wassal biex l-Ingliżi bdew iġibu l-qamħ mill-Awstralja bi prezz aktar minn sitt darbiet ogħla u l-maġġoranza tal-Maltin ma kellhomx il-mezzi biex jixtruh.

"Jidher li l-iktar raġuni għaliex in-nies tħajru jqumu fis-Sette Giugno, tal-1919 hija minħabba li ma kienx hawn ikel ma kienx hawn qamħ… ma kienx hawn ħobż bażikament, u din il-kwistjoni tal-ħobż tajjeb li ngħid li mhijiex xi ħaġa ta' Malta – kienet ir-raġuni li kien hemm ir-rivoluzzjoni Bolshevika, u kienet suċċess fir-Russja. Kienet minħabba n-nuqqas ta' ikel – fi ftit kliem minħabba nuqqas ta' ħobż," skont il-Professur Cassar.

Il-Professur Cassar jgħid li f'ħafna okkażjonijiet bħal fil-każ tar-rivoluzzjoni Franċiża, in-nies qamu mhux għad-drittijiet politiċi jew għad-drittijiet ċivili imma għax ma kellhomx x'jieklu.

Jidher li s-sengħa tal-furnar kienet sengħa verament iebsa, kemm għalih u anke għall-familja tiegħu.  Intant għalkemm mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, il-ħobża Maltija fiha ikla. Bla dubju, ftit huma dawk il-Maltin li kapaċi jieklu u fuq il-mejda ma jkunx hemm il-ħobż.

U la qed nitkellmu dwar it-tradizzjonijiet jiena niftakar lil ommi (forsi tiftakru intom ukoll) li qabel taqsam il-ħobża kienet tagħmel forma ta' salib bis-sikkina. Tant kienet sagra l-ħobża li jekk naraw xi biċċa ħobż mal-art, konna niġbruha u npoġġuha f'ħoġor ta' tieqa.

### Tajjeb jingħad li:

- Il-ħami tal-ħobż fl-irħula ta' Malta u t'Għawdex kien marbut direttament mal-familji konċernati. Il-furnara kienu jallokaw ħin speċifiku għal kull famlja fil-ħara tal-forn biex din tmur taħdem l-għaġna tal-ħobż li jkollha bżonn għal ġimgħa sħiħa.

- Ħafna drabi l-klijenti kienu jieħdu magħhom, kemm id-dqiq kif ukoll il-ħatab għall-ħami tal-furnata tagħhom. Il-ħobż moħmi kien jintrefa' f'senduq biex jibqa' kemm jista' jkun frisk. Kull familja kienet tagħmel sinjal fuq il-ħobż tagħha biex jintgħaraf u jiddaħħal fil-forn imkebbes fejn kien idum jinħema għal ftit aktar minn siegħa.

- Il-ħobż biż-żejt u t-tadam għadu sal-lum ikel bnin u appetituż u naħseb li jibqa' jitqies bħala ikel Malti. Tant hu hekk li f'diversi ristoranti u lukandi Maltin jiġi offrut qabel xi ikla.

- Minbarra l-ħobż biż-żejt, qrajt li l-Maltin, dari kienu jieklu l-ħobż biz-zokkor, bi ftit inbid fuqha. Midluka bl-irkotta jew bil-ħalib ħelu, magħqud tal-bott. Bil-ġamm jew marmalade.

- Meta kienet tinstab xi biċċa ħobż mormija fit-triq kienu jiġbruha, ibusuha u jwarrbuha fuq xi ħoġor ta' tieqa jew fejn xi rokna fejn ma tintrifissx.

- Qabel ma tinqasam ħobża ġdida, kienu jbusuha, jagħmlu sinjal tas-salib fuqha bis-sikkina imbagħad tinqata'.

- Jekk tibqa' xi biċċa għaġina kienu jagħmluha ftajjar moqlijin u mraxxa biz-zokkor.

### Kif tagħmel ħobża Maltija

**Ingredjenti:**

- 3 kikkri u nofs dqiq
- Kikkra u nofs ilma fietel
- 3 imgħaref żejt taż-żebbuġa
- Kuċċarina u kwart ta' kuċċarin melħ
- Mgħarfa ħmira

**Metodu:**

- Idlek u dawwar b'karta tal-forn, forma tal-forn, itfa' xi 2 mgħaref żejt fil-qiegħ.

- Ħallat l-ingredjenti kollha flimkien u ħabbat bil-*beater* fuq *high speed* għal 60 sekonda. Neħħi t-taħlita li tkun twaħħal u poġġiha fil-forma.

- Għattiha u ħalliha toqgħod 60 minuta. Agħmel ftit għafsiet fil-wiċċ b'subgħajk il-werrej u ferrex ftit żejt taż-żebbuġa fil-wiċċ. Aħmi sakemm tkun kulur dehebi (25 sa 30 minuta)

- Stenna 5 minuti u wara oħroġ il-ħobża u ħalliha tibred fuq *wire rack*.



*Il-ħobż artab biex tieklu, iżda iebes biex taqilgħu.*
*Il-ħobż tax-xitan ma jxabbax.*
*Il-ħobż tax-xgħir, għasel f'dar il-fqir.*

# Tifkiriet mill-imgħoddi dwar l-għoti tad-demm



**Grazzi lill-ħaddiema kollha, kif ukoll lid-donaturi.**

Jiena Anna Alamango, għandi 53 sena u ilni nagħti d-demm regolarment minn mindu kelli 21 sena. Bdejt nagħti d-demm meta missieri għamel il-bypass, fiż-żmien meta din it-tip ta' operazzjoni ma kinitx issir Malta iżda kienet issir f'Londra. Niftakar li konna tlajna l-Ingilterra miegħu u wara li għamilha kellu bżonn ħafna boroż tad-demm. Hemmhekk għamilt proponiment li kif ninżel lura Malta nibda nagħti d-demm, u fil-fatt hekk għamilt.

Dan kien ta' sodisfazzjon kbir u tul is-snin ħajjart diversi nies; fosthom lil oħti, lir-raġel u lit-tfal tiegħi biex huma wkoll jibdew jagħtu d-demm. Peress li jiena Furjaniża u noqgħod il-Furjana naturalment l-ewwel li kont bdejt nagħti kien fil-Furjana, fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm ġewwa l-binja Europa Centre.

Il-veduta waqt li kont inkun qed nagħti d-demm hemmhekk kient mill-isbaħ, b'xena tal-Port il-Kbir quddiemek. Dak iż-żmien s-sistema ta' kif wieħed jagħti d-demm kienet kemmxejn differenti. Kienu xorta jeħdulek qatra demm minn subgħajk u jiċċekjawlek għandekx deni, però ma kienux jimlew dawk il-flixkien iż-żgħar qabel tagħti.

Wara li jingħata d-demm, in-nurse kienet tiktbek fuq reġistru kbir li kellhom u kien anke jinagħtalna ktejjeb żgħir ċelesti u b'ismek fuqu u d-data ta' meta tkun tajt id-demm. Dak iż-żmien ma kienx hemm il-faċilità tal-mowbajl u tal-SMS biex iservi bħala ringrazzjament u reminder ta' meta jmissek terġa' tagħti. Dak iż-żmien konna rridu nżommu l-amment aħna stess, jew niktbu fuq xi kalendarju jew djarju personali tagħna meta jkun imiss li mmorru.

Il-kamra fejn konna nistennew kienet mimlija banners imwaħħlin mal-ħajt juru postijiet differenti. Biex tagħti d-demm, dak iż-żmien kont iddum tistenna aktar mil-lum u iktar kien ikun hemm donaturi rġiel milli nisa. Meta tlesti kienu joffrulek xi xarba bħal te, kafè, luminata jew birra Lacto. Tgħid għalhekk kien ikun hemm iktar irġiel, għal dak il-flixkun birra?...

Għadda ż-żmien, imbagħad wara xi għaxar snin l-għoti tad-demm beda jsir f'St.Philip's Hospital ġewwa Santa Venera fejn l-ambjent kien totalment differenti. Kollox iktar modern u f'ambjent ta' sptar. Bdew jirreġistrawna fuq il-kompjuter u spiċċa l-famuż ktejjeb ċelesti. Għadda ż-żmien, u St.Philip's Hospital għalaq ukoll. X'nostalġija!

Illum il-ġurnata mmorru fiċ-Ċentru tal-Għoti li hemm fi Pjazza San Luqa fi G'Manġa. Ċentru modern b'nies akkoljenti għall-aħħar. Tinqeda ferm iktar malajr u b'effiċjenza. Fuq kollox bi staff tassew dedikat.

Ir-reġistrazzjoni tad-donatur illum issir b'sistema kompjuterizzata u allura b'aktar ħeffa. Meta jkun imissek, se tiltaqa' ma' tim professjonali u t-tobba jagħmlulek eżami mediku privatament. Wara dan l-eżami, fejn tkun ċertifikat li inti tista' tagħti demm, tgħaddi għal kamra tad-donazzjoni tad-demm.

Hawnhekk tiġi tilqgħek nurse bi tbissima u tpoġġi fuq kawċ komdu għall-aħħar u hekk jibda proċess sempliċi biex tagħti d-demm. L-istaff huwa professjonali ħafna u jassigura ruħu li int tkun kilt u xrobt biżżejjed ilma qabel tibda tagħti d-demm. Id-donazzjoni ddum madwar seba' minuti u malli din tispiċċa, tintalab biex tistrieħ ftit, imbagħad tqum biex tmur fil-canteen fejn tiġi offrut kemm x'tixrob u kif ukoll x'tiekol.

L-għada tad-donazzjoni tirċievi SMS ta' ringrazzjament u wara ftit xhur, terġa' tirċievi messaġġ ieħor biex tiġi mfakkar li jmissek terġa' tagħti. Biex inkunu għedna kollox anke SMS f'għeluq sninek tirċievi wkoll.

L-esperjenza nista ngħid li hija waħda pożittiva ħafna u li nirrakkomandha lil kull min hu f'saħħtu. B'dan il-ġest ġeneruż, ilkoll kemm aħna nistgħu ngħinu lil ħafna nies fil-bżonn. U bħalma nħobbu ngħidu, "kull qatra tgħodd!"

**Anna Alamango**
Donattriċi tal-għoti tad-demm

**Tony Micallef**
Practice Nurse &
Donor Liaison
miċ-Ċentru tat-Trasfużjoni
tad-Demm

# TWENTY FILLMS to watch during the festive season

1. A Christmas prince
2. One magic Christmas
3. Last holiday
4. White Reindeer
5. Office Christmas party
6. The night before
7. Four Christmases
8. Happy Christmas
9. The holiday
10. Jingle all the way
11. The Santa Clause
12. A Very Harold and Kumar Christmas
13. Rudolph the Red-Nosed Reindeer
14. A Christmas tale
15. A Charlie Brown Christmas
16. A Christmas carol
17. The Muppet Christmas Carol
18. White Christmas
19. Christmas Wedding planner
20. A Cindirella story Christmas wish



**Tonio Bonello**
Ġurnalist

## Starry Night

In what reads like a Hallmark Christmas movie, Debbie Macomber writes about a columnist who makes a deal with her editor: If she can score the publication an interview with the recluse author of a best-selling surviving-in-the-wild memoir, then she will get to write the savier news stories she wants to cover. And so the journey into the Alaskan wilderness over the holidays to track down a handsome Bear Grylls-type begins.




## Christmas in London




Calling all Great British Baking fans, Anita Hughes has a wintry holiday story that combines all your favorite things: London, cinnamon rolls, and reality TV. When Manhattan baker Louisa learns her gooey treats are a hit with a local production company, she's recruited to join the team for their annual Christmas Eve dinner specially filmed across the pond at the posh Claridge's hotel.

## Christmas on the Island

Set on the icy Scottish island of Mure, Jenny Colgan's story will make you want to give that apple cider a second nuking; the frozen setting almost breezes from the pages. But don't worry, it's not all frigid. About a Highlands woman whose pregnant by her ex-boss and a Syrian refugee living without his wife in asylum, it's a tale actually as warm as your mug. And bonus: The book has recipes for shortbread, scones, and black bread.






## The Man Who Invented Christmas

Author Les Standiford writes of a time when the only seasons' greetings Charles Dickens was receiving were those from dispirited debt collectors. Penning what would become a staple of holidays to come, Dickens offered his Christmas Carol as a last-ditch effort to save his career. And save his career, it did.

## A Christmas Memory

The author who served us Breakfast at Tiffany's and In Cold Blood endearingly reminisces about baking fruitcakes with his elderly cousin-slash-best friend in a holiday memoir that serves as a love letter to Capote's Alabama boyhood. It is also the only time we don't pass on those often-loathed loaves.







## A Child's Christmas in Wales

A recollection of Christmases past, Dylan Thomas's celebrated poem is a walk down nostalgia lane anyone can relate to. In a sort of stream of childlike consciousness, the poet recalls the holiday's mistletoe decor, crackling fires, and steady snow.

**Tonio Bonello**
Ġurnalist

# Peter's Kitchen

## Christmas pudding with citrus and spice

**Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

### Ingredients:

175g raisins
175g currants
175g sultanas
140g whole glacé cherry
50g mixed peel
50g whole blanched almond
1 orange zest
1 lemon zest
1 medium carrot, peeled and finely grated
150ml brandy
50ml orange liqueur
175g light muscovado sugar
175g fresh white breadcrumb
125g self-raising flour
1 tsp mixed spice
¼ tsp grated nutmeg
175g butter, frozen
2 eggs, beaten
butter, for greasing
holly sprig, to decorate



### Method:

Mix the fruit, almonds, citrus zests and the carrot with the brandy and orange liqueur in a large mixing bowl. Cover and leave to soak overnight.

Mix all the dry ingredients together, then add to the soaked fruit mixture. Grate in the butter, then add the eggs and stir. Don't forget to make a wish!

Grease a 1.5-litre pudding basin with butter and line the base with greaseproof paper. Spoon in the mixture, press down well and make a hollow with the back of the spoon in the centre. Cover the surface with a round of greaseproof paper, then cover the bowl with double-thickness greaseproof paper and foil and tie at the rim with string. Lower the pudding into a pan with an upturned saucer in the base, then fill with water until it comes halfway up the sides of the bowl. Steam for 6 hrs, topping up with water as necessary.

Alternatively, steam in the oven. Stand the pudding basin in a roasting tin filled with water, then cover with a tent of foil and cook for the same length of time at 140˚C (160˚C fan) gas mark 3. Check roasting tin occasionally as the water may need to be topped up.

To store, allow to cool, then store in a cool, dry cupboard. The pudding will keep for up to a year.

On the day, steam for 1 hr before turning out, decorating with holly and serving with extra-thick double cream or vanilla ice cream. Alternatively, try orange custard cream.

### Orange Custard Cream

Whip 285ml double cream with the grated zest ½ orange until it holds its shape. Fold in a 500ml tub fresh vanilla custard and serve.

**Christmas, my child, is love in action.**
**Every time we love, every time we give, it's Christmas**

*Dale Evans*

# Word Search (Christmas Ingredients)

**Peter Miceli Saydon**

Prinċipal

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| H | G | I | N | G | E | R | A | V | Y | R | R | E | H | S |
| C | I | N | N | A | M | O | N | M | A | J | S | Y | O | O |
| C | U | R | R | A | N | T | S | U | R | S | E | B | E | R |
| R | A | I | S | I | N | S | T | L | F | A | I | E | P | A |
| S | P | I | C | E | S | M | R | E | R | R | R | R | E | N |
| Y | P | L | I | T | T | L | E | E | C | H | R | R | C | G |
| A | L | M | O | N | D | S | A | C | R | I | E | I | A | E |
| P | E | E | L | U | A | S | C | O | T | Y | H | E | N | S |
| M | S | A | S | T | T | J | L | G | D | I | C | S | S | N |
| G | L | E | B | M | E | E | E | N | L | L | S | W | E | H |
| I | T | E | C | E | S | H | A | A | R | I | S | T | N | M |
| A | S | S | U | G | A | R | S | C | I | F | L | O | U | R |
| L | E | N | T | N | B | L | E | M | O | N | S | I | R | G |
| S | U | L | T | A | N | A | S | T | O | C | I | R | P | A |
| H | E | G | G | S | T | S | T | U | N | L | A | W | H | O |

ALMONDS, APPLES, APRICOTS, BERRIES, BRANDY, CHERRIES, CINNAMON, COGNAC, CURRANTS, DATES, EGGS, FLOUR, GINGER, JAM, LEMONS, NUTMEG, ORANGES, PECANS, PEEL, PRUNES, RAISINS, SHERRY, SPICES, SUGAR, SULTANAS, TREACLE, WALNUTS.

What did Adam say the day before Christmas?
**"It's Christmas, Eve!"**

Who hides in the bakery at Christmas?
**A mince spy!**

What do you call people who are afraid of Santa Claus?
**Claustrophobic.**

What do you call buying a piano for the holidays?
**Christmas Chopin!**

How will Christmas lunch be different after Brexit?
**No Brussels!**

How is the alphabet different on Christmas from every other day?
**There's Noel!**



# Sudoku

The goal of Sudoku is to fill a 9×9 grid with numbers so that each row, column and 3×3 section contain all of the digits between 1 and 9.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | | | | | | | | 9 |
| | | 9 | 3 | | | | | |
| | 2 | 7 | | | | 1 | | |
| 4 | | | 5 | | | 3 | | 8 |
| | 1 | | | | 6 | | 5 | 7 |
| | | 3 | | | | 9 | | |
| 9 | | | | 4 | 5 | | | 3 |
| 1 | | | | 7 | | | | |
| | | | | | | 6 | | 5 |

# Kompetizzjoni bi Premju

## GĦAT-TFAL

Kif intkom tfal?... L-aħħar li ltqajna kien f'Awwissu meta s-sħana kienet fl-aqwa tagħha u l-baħar kien sar bħat-tieni dar tagħna. Illum fl-irdoss u l-għożża tad-dar f'dan iż-żmien hekk sabiħ u qaddis tal-Milied.

Din is-sena ltqajna f'ċirkostanzi differenti minn tas-soltu. Il-pandemija tal-Covid-19 waslet biex l-iskejjel ingħalqu ħesrem. It-teknoloġija kienet il-mezz li salvatna biex stajna nkomplu nsegwu l-edukazzjoni b'mod virtwali minn djarna stess. Esperjenza pożittiva li ressqitna aktar lejn xulxin, anke jekk bogħod minn xulxin!

La ninsabu fi żmien il-Milied, illum ħsibt biex il-kompetizzjoni tkun dwar din il-ġrajja sabiħa li ġrat ftit aktar minn elfejn sena ilu. Li nixtieq mingħandkom tfal hu dan. Iktbulna l-ismijiet ta' tliet kanzunetti Maltin jew barranin li għandhom konnessjoni mal-Milied, kif ukoll, tlett ismijiet ta' films li l-istorja tagħhom hi wkoll ibbażata dwar il-festa tal-Milied.

## GĦALL-KBAR

Kif intom ħbieb?... Permezz tal-magazine, 'Familja' qed inkomplu l-kampanja tagħna, 'Aqra Ktieb'.

Dan bil-għan li aħna l-ġenituri nħajru lill-uliedna li tal-anqas darba kull ħmistax ikunu qraw ktieb. Hekk nerġgħu nibdew kultura ta' qari li hu l-mezz ewlieni kif il-bniedem itejjeb l-għarfien tiegħu u jissaħħaħ f'aspetti ta' ħsieb u kreattività.

Il-kompetizzjoni tal-lum hi din. Iktbulna dwar esperjenza ta' btala li xi darba għamiltu fi żmien il-Milied u kif il-Milied u l-Ewwel tas-Sena jkunu ċelebrati fil-pajjiż konċernat. Il-persuna rebbieħa se tingħata żewġt kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.



Agendabookshop

**Ibagħtu r-risposti tagħkom fuq:**
**familja.media@gov.mt**

**jew fl-indirizz:**
**Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali,**
**Tonio Bonello, Uffiċċju tal-Komunikazzjoni**
**4th Floor, MFCS, Palazzo Ferreria, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta**
**sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2020.**
**Permezz ta' din il-kompettizzjoni tistgħu tirbħu erba' kotba sbieħ (tnejn għall-kbar u tnejn għaz-zgħar) mill-ħwienet ta' Agenda.**

# Il-Milied u s-Sena t-tajba

**Tonio Bonello**
Ġurnalist

Wasalna lejn tmiem ta' sena oħra. Sena distinta mill-oħrajn kollha. Sena li wriet kemm hu dgħajjef il-bniedem meta milqut minn sitwazzjoni li waslitu lejn katastrofi. Żgur li l-2020 se tibqa' mmarkata fl-istorja dinjija ta' dak li żviluppa, ġara u għadu qed jiġri fil-kuntest ta' din il-pandemija. Sitwazzjoni li ħolqot problemi kbar umanitarji, kienet il-kaġun ta' mijiet ta' eluf ta' mwiet u staġnat l-ekonomija globali. Saħansitra rnexxielha tbiddel il-mod kif ngħixu int u jien.

Minkejja dan, l-istorja ta' ħajjitna ta' dawn l-aħħar 365 jum ma kenitx tiddomina biss negattivita. Żgur li f'xi żmien jew ieħor, aħna u dawk madwarna esperjenzajna ġrajjiet sbieħ, pożittivi, li iżda forsi kienu mċajpra miċ-ċirkostanzi attwali.

Jinħtieġ nagħmlu kuraġġ aħna u nqawwu qlub dawk viċin tagħna. Ma spiċċax kollox. Mhix l-aħħar tad-dinja. Kollox jiddependi dwar kif se nħarsu lejn il-ħajja, illum u fiż-żmien li ġej. Li ġara għadda u mar. Għada però jum ġdid u mhux kemm se jkollna mwiet u każijiet ġodda se jaffettwa dan, iżda kif se nqumu b'impenn biex inkomplu b'ħajjitna.

Ġraw ħafna affarijiet grazzi għal dan il-virus. Ingħaqadna aktar flimkien. Żviluppaw metodi ġodda ta' fejda għal konsumatur. Tgħallimna aktar nużaw il-mezzi teknoloġiċi u sirna aktar midħla tal-media soċjali. Irrealizzajna l-importanza ta' saħħitna u skoprejna metodi ġodda ta' prekawzjoni. 12-il xahar fejn verament, mhux it-tfal biss tgħallmu, iżda aħna lkoll kemm aħna.

Jista' jkun li l-Covid-19 ġie biex jibqa' magħna. Jista' jkun li għad fadal żmien biex jinstab tarfu. Jista' jkun li bħal ma ġie ħabta u sabta, hekk l-istess jitlaq. Jista' jkun ħafna affarijiet oħra. Min jaf. Alla biss jaf.

Iżda xi ħaġa li tista' tkun fiż-żgur hi li nistgħu nagħtu bidu għal sena ġdida ta' ħidma b'sens ta' ottimiżmu. Infittxu u niskopru sfidi ġodda, nilqgħu kull opportunità li tiġi quddiemna waqt li nkunu mezz ta' tama fiċ-ċrieki ta' persuni li aħna ngħixu u naqsmu l-ħajja magħhom. U dan ma jiddependix jekk il-virus jinstabx tarfu jew le. Jiddependi biss mill-perspettiva tagħna kif se nħarsu lejn il-ħajja, illum u għal futur.

Kulħadd għandu l-istorja tiegħu. Ejjew nagħmlu minn kull storja, esperjenza ta' solidarjetà, ta' prosperità, ta' suċċess biex inkomplu nikbru u nissaħħu. Il-Covid-19 virus b'saħħtu, jista' jilħaq lil kulħadd, ma jarax razza, sess u kulur. Ma jarafx bejn għani u fqir, Malti jew barrani. Imma flimkien, aħna min aħna, id f'id nistgħu nirbħu lil dan il-virus u nagħmlu aktar ukoll. Id-deċiżjoni hi tiegħi u tiegħek! Is-sliem.



*F'isem il-management u l-istaff tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali nixtieq inwassal l-isbaħ xewqat lilkom ilkoll u l-familjari tagħkom awgurju ta' Milied qaddis u sena ġdidata' ħafna saħħa, prosperità u paċi f'qalbna u bejnietna.*

# 2021

### January

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 |
| 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
| 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 |
| 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 |
| 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 |
| 31 | | | | | | |

### February

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 |
| 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 |
| 28 | | | | | | |

### March

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 |
| 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 |
| 28 | 29 | 30 | 31 | | | |

### April

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1 | 2 | 3 |
| 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
| 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 |
| 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 |
| 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | |

### May

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 1 |
| 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
| 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 |
| 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 |
| 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 |
| 30 | 31 | | | | | |

### June

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 |
| 27 | 28 | 29 | 30 | | | |

### July

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1 | 2 | 3 |
| 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
| 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 |
| 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 |
| 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 |

### August

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
| 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 |
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
| 29 | 30 | 31 | | | | |

### September

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | | |

### October

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 |
| 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
| 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 |
| 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 |
| 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 |
| 31 | | | | | | |

### November

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 |
| 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 |
| 28 | 29 | 30 | | | | |

### December

| Su | M | Tu | W | Th | F | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | |

## FESTI PUBBLIĊI

- **1 ta' Jannar**
  L-ewwel tas-Sena
- **10 ta' Frar**
  San Pawl Nawfragu
- **19 ta' Marzu**
  San Ġużepp
- **31 ta' Marzu**
  Jum il-Ħelsien
- **19 ta' April**
  Il-Ġimgħa l-Kbira
- **1 ta' Mejju**
  Jum il-Ħaddiem
- **7 ta' Ġunju**
  Sette Giugno
- **29 ta' Ġunju**
  L-Imnarja
- **15 ta' Awwissu**
  Santa Marija
- **8 ta' Settembru**
  Il-Vitorja
- **21 ta' Settembru**
  Jum l-Indipendenza
- **8 ta' Diċembru**
  L-Immakulata Kunċizzjoni
- **13 ta' Diċembru**
  Jum ir-Repubblika
- **25 ta Diċembru**
  Il-Milied

**Il-Management u l-istaff fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali jixtieq lilek u l-familja tiegħek, Milied hieni u sena ġdida ta' paċi, saħħa u prosperità.**